IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.5.2016
COM(2016) 272 final

2016/0132 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għall-idenifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-EURODAC ġie stabbilit **permezz tar-Regolament (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin**[1]. L-ewwel Proposta riformulata li temenda r-Regolament dwar il-EURODAC ġiet adottata mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew f'Ġunju 2013[2], li tejbet il-funzjonament tal-EURODAC u stabbilixxiet kundizzjonijiet għall-aċċess tal-infurzar tal-liġi għaliha b'kundizzjonijiet stretti għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' reati kriminali serji u atti terroristiċi.

Minn meta twaqqaf, il-EURODAC serva suffiċjentement l-għan li jipprovdi evidenza dwar il-marki tas-swaba' sabiex jgħin jiddetermina l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil magħmula fl-UE. L-objettiv primarju tiegħu kien dejjem li jservi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013[3] (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament ta' Dublin") u flimkien dawn iż-żewġ strumenti jiffurmaw dik li hi magħrufa bħala s-"Sistema ta' Dublin".

Meta l-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati eskalat fl-2015, xi Stati Membri kienu inondati bit-teħid tal-marki tas-swaba' ta' dawk kollha li waslu b'mod irregolari fl-UE fil-fruntieri esterni, u mbagħad komplew bi tranżitu fl-UE fit-triq lejn id-destinazzjoni magħżula. Bħala tali, xi Stati Membri naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jieħdu l-marki tas-swaba' skont ir-Regolament attwali tal-EURODAC. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015, bl-isem "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni"[4] innotat li "*l-Istati Membri jridu wkoll jimplimentaw b'mod sħiħ ir-regoli dwar it-teħid ta' marki tas-swaba' tal-migranti fil-fruntieri*". Dan wassal sabiex il-Kummissjoni li tmexxi 'l quddiem il-gwida dwar li jiġi faċilitat it-teħid sistematiku tal-marki tas-swaba', b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, appoġġat minn kooperazzjoni prattika u skambju tal-aħjar prattiki f'Mejju tal-2015.[5] Minbarra dan il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll l-użu ta' identifikaturi bijometriċi oħrajn biex jiġi użat għall-EURODAC, bħar-rikonoxximent tal-wiċċ u l-ġbir ta' ritratti diġitali biex jilqgħu l-isfidi ffaċċjati minn xi Stati Membri biex jittieħdu l-marki tas-swaba' għall-finijiet tal-EURODAC.

Matul l-istess perjodu, dawk l-Istati Membri li ma jinstabux fuq il-fruntieri esterni bdew jaraw il-ħtieġa dejjem tikber li jkunu jistgħu jaħżnu u jqabblu l-informazzjoni dwar il-migranti irregolari li nstabu li qed joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom, b'mod partikolari meta dawn ma jitolbux l-ażil. Bħala konsegwenza, eluf ta' migranti jibqgħu inviżibbli fl-Ewropa, inklużi eluf ta' minorenni mhux akkumpanjati, sitwazzjoni li tiffaċilita moviment mhux awtorizzat sekondarju u movimenti sussegwenti u permanenza illegali fl-UE. Deher ċar li kellhom jittieħdu passi sinifikanti biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari li seħħet fl-UE kif ukoll lejn l-UE.

---

1. ĠU L 062, 05.03.2002, p. 1.
2. ĠU L 180, 29.6.2013, p.1
3. ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31.
4. COM(2015) 240 final, 13.5.2015.
5. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligu li jittieħdu l-marki tas-swaba', COM(2015) 150 final, 27.5.2015.

Il-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul / Ħruġ għar-reġistrazzjoni tad-data tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE fejn viża għal soġġorn qasir inkisbet għad-dħul fl-UE, se tippermetti lill-Istati Membri jaqbdu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu jgħixu fil-pajjiż illegalment minkejja li jkunu daħlu fl-UE b'mod legali.[6] Madankollu ma teżistix sistema għall-identifikazzjoni taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi residenti illegalment li daħlu fl-UE b'mod irregolari fil-fruntieri esterni u s-sistema EURODAC attwali — il-bażi tad-*data* ideali li tista' tospita din l-informazzjoni — hija limitata biex jiġi identifikat jekk tkunx saret applikazzjoni għall-ażil f'aktar minn Stat Membru wieħed tal-UE.

Fis-6 ta' April 2016, fil-Komunikazzjoni tagħha "*Dwar Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u Tisħiħ tat-Toroq Legali lejn l-Ewropa*"[7] li l-Kummissjoni qieset bħala prijorità biex tippreżenta riforma tar-Regolament ta' Dublin u tistabbilixxi sistema sostenibbli u ġusta biex tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal dawk li jfittxu ażil li jiżgura grad għoli ta' solidarjetà u qsim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri billi tipproponi mekkaniżmu korrettiv ta' allokazzjoni. Bħala parti minn dan, il-Kummissjoni qieset li l-EURODAC jinħtieġ li jissaħħaħ biex jirrifletti l-bidliet fil-mekkaniżmu ta' Dublin u biex jiżgura li jkompli jipprovdi evidenza ta' marki tas-swaba' li għandu bżonn biex jaħdem. Kien ukoll ikkunsidrat li l-EURODAC jista' jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari billi jaħżen id-*data* dwar il-marki tas-swaba' skont il-kategoriji kollha u li jippermetti li jsiru paraguni mad-*data* maħżuna kollha għal dan il-għan.

Għaldaqstant, din il-proposta temenda r-Regolament (UE) Nru 603/2013 attwali tal-EURODAC, u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal finijiet ta' identifikazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali u dawk li jkunu daħlu fl-Unjoni Ewropea b'mod irregolari fil-fruntieri esterni, bil-ħsieb li din l-informazzjoni tintuża biex tgħin Stat Membru sabiex jipprovdi dokumenti lil ċittadin ta' pajjiż terz għal finijiet ta' ritorn.

L-iffaċilitar tal-identifikazzjoni ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi residenti illegalment permezz tal-użu ta' bijometriċi għandha tikkontribwixxi biex ittejjeb l-effettività tal-politika tal-UE dwar ir-ritorn, b'mod partikolari fir-rigward ta' migranti irregolari li jużaw mezzi qarrieqa biex tiġi evitata l-identifikazzjoni tagħhom u biex ifixklu d-dokumentazzjoni mill-ġdid tagħhom. Id-disponibbiltà tad-*data* u l-informazzjoni fuq ċittadini minn pajjiżi terzi mingħajr ebda identifikazzjoni jew raġuni legali għaliex qegħdin fl-UE li jitteħdulhom il-marki tas-swaba' fi Stat Membru ieħor għandha taċċellera l-proċeduri għall-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment li jinqabdu u jitteħdulhom il-marki tas-swaba' fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex jitnaqqas it-tul meħtieġ tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni, inkluż il-perjodu li matulu migranti irregolari jistgħu jinżammu f'detenzjoni amministrattiva waqt li jkunu qed jistennew li jitneħħew, u għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità. Dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-pajjiż ta' transitu ta' migranti irregolari, b'hekk tiġi ffaċilitata r-riammissjoni tagħhom f'dawk il-pajjiżi. Barra minn hekk, bl-għoti ta' informazzjoni dwar il-movimenti ta' migranti irregolari fl-UE, dan għandu jippermetti li l-awtoritajiet nazzjonali jwettqu valutazzjoni individwali aktar preċiża tas-sitwazzjoni tal-migranti irregolari, pereżempju dwar ir-riskju li wieħed jista' jaħrab, filwaqt li jitwettqu l-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni.

---

6 Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul u Ħruġ (Entry / Exit System, EES) biex tiġi rreġistrata d-*data* tad-dħul u l-ħruġ u d-*data* taċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet għall-aċċess fl-EES għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011, COM(2016) 194 final, 6.4.2016

7 COM(2016) 197 final.

Fl-2015 fl-Ewropa waslu numru rekord ta' tfal ta' migranti u refuġjati u l-Istati Membri kellhom problemi biex jiksbu numri preċiżi għal tfal mhux akkumpanjati jew separati, minħabba li l-proċeduri ta' reġistrazzjoni formali f'xi Stati Membri mhux dejjem jippermettu l-identifikazzjoni tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri. Il-kriżi tal-migranti u r-rifuġjati li għaddejja bħalissa qajmet mistoqsijiet profondi dwar kif se jiġu salvagwardjati u mħarsa tfal mhux akkumpanjati minn Membri tal-Parlament Ewropew, organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet internazzjonali u Stati Membri. Il-protezzjoni tat-tfal u t-tfal neqsin minn pajjiż terz b'mod partikolari qed isiru kwistjoni oħra ta' tħassib tfil-kriżijiet suċċessivi fl-UE.[8]

Storikament, il-EURODAC dejjem ġabar il-marki tas-swaba' ta' minuri mill-età ta' 14-il sena u aktar, li jista' jippermetti l-identifikazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjat ladarba tkun saret applikazzjoni għall-ażil fl-UE. Madankollu, minħabba ż-żieda apparenti fit-traffikar ta' minorenni ta' taħt din l-età lejn u fl-UE jidher li hemm bżonn ikbar biex tinġabar l-informazzjoni bijometrika għall-finijiet tal-EURODAC minn età iżgħar li tgħin fl-identifikazzjoni ta' persuni bħal dawn u biex wieħed tara jekk dik l-informazzjoni tistax tgħin ukoll biex jiġu stabbiliti rabtiet familjari jew rabtiet ma' kustodju fi Stat Membru ieħor.

Ħafna Stati Membri jiġbru l-informazzjoni bijometrika minn tfal ta' età iżgħar minn 14-il sena għall-viżi, il-passaporti, il-permessi ta' residenza bijometriċi u l-kontroll ġenerali tal-immigrazzjoni. Għalhekk hu propost ukoll li t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-minorenni għal EURODAC jinħtieġ li jinbidel għal dawk ta' sitt snin — l-età li r-riċerka turi li r-rikonoxximent tal-marki tas-swaba' tat-tfal jista' jinkiseb b'livell sodisfaċenti ta' eżattezza.

Se jkun meħtieġ ukoll li tinħażen informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali u dawk li jidħlu fl-UE b'mod irregolari maqbuda fil-fruntiera esterna għal aktar żmien minn dak li hu permess bħalissa. Perjodu ta' ħażna ta' 18-il xahar huwa r-rata massima permessa skont ir-Regolament attwali għal dawk maqbuda fil-fruntiera esterna u li l-ebda *data* ma tinżamm għal dawk li jinqabdu jissoġġornaw illegalment fi Stat Membru. Dan għaliex ir-regolament attwali tal-EURODAC mhux konċernat bil-ħażna tal-informazzjoni dwar il-migranti irregolari għal aktar żmien milli hu neċessarju biex jiġi stabbilit l-ewwel pajjiż ta' dħul skont ir-Regolament ta' Dublin jekk applikazzjoni għall-ażil tkun saret fit-tieni Stat Membru. Minħabba l-estensjoni tal-ambitu tal-EURODAC għall-finijiet ta' migrazzjoni usa', huwa meħtieġ li tinżamm din id-*data* għal perjodu itwal sabiex movimenti sekondarji jistgħu jiġu mmonitorjati adegwatament fl-UE, b'mod partikolari meta l-migrant irregolari jagħmel l-isforzi kollha biex jibqa' ma jinstabx. Perjodu ta' ħames snin huwa meqjus bħala adegwat għal dawn il-finijiet, meta l-perjodu taż-żamma tad-*data* jsir konformi ma' bażijiet tad-*data* oħra tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI) u maż-żmien li projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi imposta fuq immigrant irregolari skont id-Direttiva tar-Ritorn.[9]

Din il-proposta tippermetti wkoll informazzjoni dwar l-identità ta' migrant irregolari biex tiġi kondiviża ma' pajjiż terz fejn ikun hemm bżonn li tiġi kondiviża dik l-informazzjoni għal finijiet ta' ritorn biss. Ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari u d-dokumentazzjoni mill-ġdid, lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom tinvolvi l-iskambju ta' informazzjoni dwar dak l-individwu mal-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż meta dokument tal-ivvjaġġar jeħtieġ li jkunu żgurat. Għalhekk, din il-proposta tippermetti li d-*data* tinqasam fuq din il-bażi u b'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Projbizzjoni stretta hija stabbilita għall-iskambju ta' kull informazzjoni dwar il-fatt li tkun saret applikazzjoni għall-

[8] Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, dibattitu fil-laqgħa tal-Kumitat, "*Fate of 10 000 missing refugee children*", 21.04.2016

[9] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

ażil fl-UE, li tista' tipperikola s-sikurezza ta' min qed ifittex l-ażil u jiġi rifjutat u jwassal għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

Huwa propost ukoll li ż-żieda ta' bijometrika — xbiha tal-wiċċ — tkun miġbura wkoll mill-Istati Membri u maħżuna fis-Sistema Ċentrali kif ukoll għal *data* personali oħra sabiex titnaqqas il-ħtieġa għal infrastruttura ta' komunikazzjoni addizzjonali bejn l-Istati Membri biex tinqasam informazzjoni dwar il-migranti irregolari li ma jkunux talbu ażil. Il-ġbir tax-xbiha tal-wiċċ jkun il-prekursur tal-introduzzjoni ta' software tar-rikonoxximent tal-wiċċ fil-futur u li jġib il-EURODAC konformi ma' sistemi oħra bħal pereżempju s-Sistema ta' Dħul / Ħruġ. eu-LISA jinħtieġ li l-ewwel tagħmel studju dwar is-software tar-rikonoxximent tal-wiċċ li jevalwa l-preċiżjoni u l-affidabbiltà qabel ma dan jiżdied fis-Sistema Ċentrali.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar b'Saħħithom u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u għas-Sigurtà[10] tenfasizza l-ħtieġa li titjieb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni bħala objettiv fuq medda twila ta' żmien, kif ukoll identifikati mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tipproponi li twaqqaf Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex jindirizza l-ħtiġiet legali u l-fattibbiltà teknika li tinkiseb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni fuq il-fruntieri u s-sigurtà. Il-proposta preżenti hija konformi mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni peress li tistabbilixxi l-EURODAC b'mod li jippermetti l-interoperabbiltà futura ma' sistemi oħra ta' informazzjoni, fejn meħtieġ u b'mod proporzjonat. Għal dan il-għan, u bl-appoġġ tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabilità, il-Kummissjoni se tivvaluta n-neċessità u l-proporzjonalità tal-istabbiliment ta' interoperabbiltà mas-Sistemi ta' Informazzjoni ta' Schengen (Schengen Information Systems, SIS) u s-Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Viżi (Visa Information Systems, VIS). F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni se teżamina wkoll jekk hemmx bżonn li tirrevedi l-qafas legali dwar l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC.

Din il-proposta tkompli tippermetti aċċess għall-infurzar tal-liġi għas-Sistema Ċentrali u issa se tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-Europol li jkollhom aċċess għal kull informazzjoni maħżuna fis-sistema u li jwettqu tfittxijiet ibbażati fuq xbiha tal-wiċċ fil-futur.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib u tikkumplimenta politiki oħrajn tal-Unjoni, jiġifieri:

(a) **Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil** bl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin permezz tal-użu ta' evidenza tal-marki tas-swaba' sabiex jassistu biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil.

(b) **Politika ta' ritorn tal-UE** effettiva sabiex tikkontribwixxi u ttejjeb is-sistema tal-UE għar-ritorn tal-migranti irregolari. Dan huwa essenzjali sabiex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema tal-ażil tal-UE u sabiex tingħata għajnuna lil persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Iż-żieda tar-rata ta' ritorn ta' migranti irregolari teħtieġ li timxi id f'id ma' sforzi mġedda tal-UE li tipproteġi lil dawk fil-bżonn.

(c) **Is-sigurtà interna** kif ġie enfasizzat fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[11], għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji u terroriżmu li tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-Europol li jipproċessaw *data* personali ta' persuni suspettati li huma implikati f'atti ta' terroriżmu jew reati serji.

---

[10] COM(2016) 205 final.
[11] COM(2015) 185 final.

(d) **Timijiet ta' Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta** fir-rigward tal-possibbiltà li jiġbru u jibagħtu *data* tal-marki tas-swaba' u tax-xbiha tal-wiċċ tal-applikanti għall-ażil u l-migranti irregolari lill-EURODAC f'isem Stat Membru għall-ġestjoni effikaċi tal-kontroll fil-fruntieri esterni.

(e) **Il-Protezzjoni tad-*Data*** sa fejn din il-proposta trid tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata tal-individwi li d-*data* personali tagħhom hija pproċessata fil-EURODAC.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-propost preżenti abbozzata mill-ġdid tuża l-Artikolu 78(2)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-bażi ġuridika, rigward kriterji u mekkaniżmu għad-determinazzjoni ta' liema Stat Membru huwa responsabbli biex jikkunsidra applikazzjoni għall-ażil jew protezzjoni sussidjarja, li huwa l-Artikolu TFUE li jikkorrispondi għall-bażi ġuridika tal-proposta oriġinali (l-Artikolu 63(1)(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea). Barra minn hekk, tuża l-Artikolu 79(2)(c) bħala l-bażi ġuridika fir-rigward tal-elementi ta' identifikazzjoni ta' ċittadin irregolari ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida rigward l-immigrazzjoni illegali u residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tneħħija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni, l-Artikolu 87(2)(a) bħala l-bażi ġuridika fir-rigward tal-elementi relatati mal-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni relevanti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi; u l-Artikolu 88(2)(a) bħala l-bażi ġuridika fir-rigward tal-kamp ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol inkluż il-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju tal-informazzjoni.

- **Ġeometrija varjabbli**

Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament (UE) Nru 603/2013 wara l-avviż tagħhom dwar ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ibbażat fuq il-Protokoll imsemmi aktar 'il fuq.

F'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, dawn l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Huma wkoll għandhom din l-għażla wara l-adozzjoni tal-proposta.

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Għaldaqstant, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta minnu u lanqas hija suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, peress li d-Danimarka tapplika r-Regolament tal-Eurodac preżenti, wara ftehim internazzjonali[12] li hi kkonkludiet mal-UE fl-2006, hi għandha, skont l-Artikolu 3 ta' dan il-ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk hux se timplimenta jew le l-kontenut tar-Regolament emendat.

- Impatt tal-proposta fuq Stati Membri mhux fl-UE assoċjati mas-sistema ta' Dublin

[12] Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 66, 8.3.2006).

Flimkien mal-assoċjazzjoni ta' diversi pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE mal-acquis ta' Schengen, il-Komunità kkonkludiet, jew waslet sabiex tikkonkludi, diversi ftehimiet li jassoċjaw dawn il-pajjiżi anke mal-acquis ta' Dublin / EURODAC:

– il-ftehim li jassoċja lill-Iżlanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001[13];

– il-ftehim li jassoċja lill-Isvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar tal-2008[14];

– il-protokoll li jassoċja lil-Liechtenstein, konkluż fit-18 ta' Ġunju 2011[15].

Sabiex jiġu maħluqa drittijiet u obbligazzjoni bejn id-Danimarka – li kif ġie spjegat hawn fuq ġiet assoċjata mal-acquis ta' Dublin / EURODAC permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija aktar 'il fuq, żewġ strumenti oħra ġew konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi assoċjati.[16]

Skont it-tliet ftehimiet imsemmija aktar 'il fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-acquis ta' Dublin / EURODAC u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jieħdux sehem fl-adozzjoni ta' kwalunkwe att li jemenda jew li jibni fuq l-*acquis* ta' Dublin (inkluż għalhekk din il-proposta) iżda jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien mogħti bid-deċiżjoni tagħhom jekk humiex se jaċċettaw jew le l-kontenut ta' dan l-att, ladarba jiġi approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Fil-każ li n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Isvizzera jew il-Prinċipalità tal-Liechentstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin / EURODAC, il-klawżola giljottina ("guillotine clause") tiġi applikata u l-ftehimiet rispettivi jiġu terminati sakemm il-Kumitat Konġunt / Mħallat stabbilit mill-ftehimiet ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni msemmija hawn fuq mal-Iżlanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein kif ukoll il-ftehim parallel mad-Danimarka ma jkoprix l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC. Konsegwentement, ladarba dan ir-Regolament Riformulat jiġi adottat ikun meħtieġ li jiġi żgurat li ftehimiet kumplimentari ma' dawk l-Istati Assoċjati li jixtiequ jipparteċipaw ġie ffirmat u konkluż.

Il-proposta attwali, tistipula li t-tqabbil tad-*data* tal-marki tas-swaba' bl-użu tal-EURODAC jista' jsir biss wara li l-bażijiet tad-*data* nazzjonali tal-marki tas-swaba' u l-Bażijiet tad-*Data* Awtomatizzati tal-Marki tas-Swaba' ta' Stati Membri oħra skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI (il-Ftehimiet ta' Prüm) jagħtu riżultati negattivi. Din ir-regola tfisser li jekk xi Stat Membru ma jimplimentax id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq u ma jistax iwettaq il-verifika Prüm, ma jistax lanqas jagħmel verifika EURODAC għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

---

13 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażilju ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40).

14 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5).

15 Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39)

16 Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein għal Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kriterji u mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għal eżami ta' talba għall-ażil preżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (2006/0257 CNS, konkluż fl-24.10.2008, il-pubblikazzjoni fil-ĠU għadha pendenti) u l-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar kriterji u mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil preżentata fi Stat Membru, fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001).

Bl-istess mod, kull Stat assoċjat li ma jkunx implimenta jew ma pparteċipax fil-Ftehimiet ta' Prüm ma jistax iwettaq verifika EURODAC.

- **Sussidjarjetà**

L-inizjattiva proposta tikkostitwixxi żvilupp ieħor tar-Regolament ta’ Dublin u tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u biex jiġi żgurat li regoli komuni dwar il-ġbir ta' *data* tal-marki tas-swaba’ u tax-xbiha tal-wiċċ għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi irregolari għal skopijiet tal-EURODAC huma applikati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Hija toħloq strument li jipprovdi lill-Unjoni Ewropea informazzjoni dwar kemm ċittadini minn pajjiżi terzi jidħlu u fl-UE bmod irregolari u jitolbu ażil, li huwa indispensabbli għal politika bażata fuq is-sostenibbiltà u l-evidenza fil-qasam tal-migrazzjoni u l-viża. Hija tagħti wkoll aċċess lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-EURODAC, li huwa mod f’waqtu, preċiż, sigur u kosteffiċjenti sabiex jiġi identifikati ċittadini minn pajjiżi terzi irregolari li huma suspettati (jew vittmi) ta’ terroriżmu jew ta’ reati serji.

Din il-proposta se tassisti wkoll lill-Istati Membri biex jidentifikaw ċittadini minn pajjiżi terzi b’residenza illegali u dawk li jkunu daħlu fl-Unjoni Ewropea b’mod irregolari fil-fruntieri esterni, bil-ħsieb li din l-informazzjoni tintuża biex tgħin Stat Membru sabiex jipprovdi dokumkenti lil ċittadin ta’ pajjiż terz għal finijiet ta’ ritorn.

Minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-problemi relatati mal-protezzjoni għall-ażil u l-protezzjoni tar-refuġjati, l-UE qegħdha fil-pożizzjoni t-tajba sabiex tipproponi soluzzjonijiet fil-qafas tas-Sistema Komuni Ewropea għall-Ażil (Common European Asylum System, CEAS) lill-kwistjonijiet deskritti aktar ‘il fuq bħala problemi dwar ir-Regolament EURODAC.

Emenda tar-Regolament EURODAC hi meħtieġa wkoll sabiex tiġi miżjuda raġuni sekondarja magħha, jiġifieri li tħalli aċċess għall-finijiet tal-kontroll tal-immigrazzjoni illegali u movimenti sekondarji ta' migranti irregolari fl-UE. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri waħedhom:

- **Proporzjonalità**

L-Artikolu 5 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jgħid li azzjoni mill-Unjoni ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat. Il-forma magħżula għal din l-azzjoni tal-UE trid tippermetti lill-proposta li tilħaq l-għan tagħha u li tkun implimentata bl-iktar mod effettiv possibbli.

Il-proposta li l-kunċett tagħha huwa bbażat fuq il-prinċipji ta’ *privatezza permezz tad-disinn* hija proporzjonali f’termini tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali fis-sens li ma teħtiġx il-ġbir u l-ħażna ta’ aktar *data* għal perjodu itwal milli huwa assolutament meħtieġ biex jippermetti li s-sistema taħdem u tilħaq l-għanijiet tagħha. Barra minn hekk, is-salvagwardji u l-mekkaniżmi kollha meħtieġa għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tal-vjaġġaturi, partikolarment il-protezzjoni tal-ħajja privata tagħhom u tad-*data* personali jiġu previsti u implimentati.

L-ebda proċessi jew armonizzazzjoni ulterjuri ma se jkunu meħtieġa fil-livell tal-UE biex is-sistema taħdem; għalhekk il-miżura maħsuba hija proporzjonata minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ f’termini ta’ azzjoni fil-livell tal-UE biex jintlaħqu l-għanijiet definiti.

- **L-għażla tal-istrument**

Ir-riformulazzjoni proposta se tieħu l-forma ta' Regolament. Din il-proposta tibni fuq is-sistema eżistenti u ttejjeb sistema ċentralizzata li permezz tagħha l-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin, ħaġa li tirrikjedi arkitettura u regoli operattivi komuni. Barra minn hekk, hija tistabbilixxi regoli dwar l-aċċess għas-sistema inkluż għall-fini tal-infurzar tal-liġi li huma uniformi għall-Istati Membri kollha. Bħala konsegwenza, Regolament biss jista' jintgħażel bħala strument legali.

3. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Bi tħejjija għal din il-proposta, il-Kummissjoni bbażat fuq id-diskussjonijiet li kienu qed isiru b'mod regolari fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri, kif ukoll fil-Parlament Ewropew dwar il-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw kriżi migratorja u b'mod partikolari dwar ir-riforma tar-Regolament ta' Dublin, li l-EURODAC huwa intrinsikament marbut miegħu. Il-Kummissjoni rriflettiet ukoll fuq il-ħtiġijiet tal-Istati Membri li saru evidenti matul il-kriżi tar-refuġjati u tal-migrazzjoni.

B'mod partikolari, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015, talbu t-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, biex jitrażżnu aħjar il-flussi dejjem akbar ta' migrazzjoni illegali.[17] F'laqgħa oħra tal--Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern f'Ottubru 2015, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-Istati Membri jeħtieġ li jħaffu l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn u jiżguraw li dawk kollha li jaslu f'postijiet kritiċi għandhom jiġu identifikati, rreġistrati u jittiħdulhom il-marki tas-swaba' u fl-istess waqt jiġu żgurati r-rilokazzjoni u r-ritorni.[18] F'Marzu 2016, il-Kunsill Ewropew tenna li se titmexxa wkoll il-ħidma dwar l-arkitettura futura tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE, inkluż ir-Regolament ta' Dublin.[19]

Il-Kummissjoni kienet ukoll ikkonsultata informalment dwar il-Konsulent Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar l-elementi l-ġodda ta' din il-proposta li huma soġġetti għall-qafas legali l-ġdid dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-Regolament propost għandu impatt fuq id-drittijiet fundamentali, notevolment dwar id-dritt għad-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE); il-projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol furzat (l-Artikolu 5 tal-Karta); id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà (l-Artikolu 6 tal-Karta), ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7 tal-Karta), il-protezzjoni tad-*data* personali (l-Artikolu 8 tal-Karta), id-dritt għall-ażil (l-Artikolu 18 tal-Karta) u l-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni (l-Artikolu 19 tal-Karta), id-dritt għan-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21 tal-Karta), id-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24 tal-Karta) u d-dritt għal rimedju effettiv (l-Artikolu 47 tal-Karta).

Il-projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol forzat, kif ukoll id-dritt għal-libertà u s-sigurtà huma affettwati b'mod pożittiv mill-implimentazzjoni tal-EURODAC. Identifikazzjoni aħjar u aktar preċiża (permezz tal-użu ta' bijometriċi) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE jappoġġa s-sejbien ta' frodi tal-identità, it-traffikar tal-bnedmin (partikolarment fil-każ ta' minorenni) u l-kriminalità trasnkonfinali u għalhekk tikkontribwixxi għall-ġlieda

[17] EUCO 22/15, 26.06.2015
[18] EUCO 26/15, 15.10.2015
[19] EUCO 12/16, 18.03.2016

kontra t-traffikar u l-kuntrabandu tal-bnedmin. Hija tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tas-sigurtà taċ-ċittadini kollha preżenti fiż-żona tal-UE u fit-territorju tal-UE.

Il-proposta tikkontribwixxi wkoll b'mod pożittiv għall-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal u għar-rispett tad-dritt tal-ħajja tal-familja. Bosta applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu b'mod irregolari fl-Unjoni Ewropea jivvjaġġaw bil-familja u f'ħafna każijiet bi tfal żgħar ħafna. Il-kapaċità li jiġu identifikati dawn it-tfal bl-għajnuna ta' immaġni tal-wiċċ u tal-marki tas-swaba', se tgħin biex jiġu identifikati t-tfal f'każijiet fejn huma separati mill-familji tagħhom billi jippermetti lil Stat Membru biex isegwi linja ta' inkjesta fejn hit tal-marki tas-swaba' jindika li huma kienu preżenti fi Stat Membru ieħor. Hija ssaħħaħ ukoll il-protezzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati li mhux dejjem formalment ifittxu protezzjoni internazzjonali u li jaħarbu minn istituzzjonijiet ta' kura tat-tfal jew servizzi soċjali tat-tfal li jkunu ġew assenjati taħt il-kura tagħhom.

L-obbligu li jittieħdu l-marki tas-swaba' għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ għad-dritt tad-dinjità tal-bniedem u tad-drittijiet tat-tfal. Il-proposta tirriafferma l-obbligu fuq l-Istati Membri li jiżguraw li l-proċedura sabiex jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ għandha tkun stabbilita u applikata f'konformità mal-prattika nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u f'konformità mal-salvagwardji preskritti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Il-penali marbuta man-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' osservanza tal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba' għandhom ikunu skont il-prinċipju tal-proporzjonalità. B'mod partikolari, il-proposta tiddikjara b'mod espliċitu li d-detenzjoni jinħtieġ biss li tintuża f'dan il-kuntest bħala l-aħħar alternattiva, jekk meħtieġa sabiex tiddetermina jew tivverifika l-identità ta' ċittadin ta' pajjiż terz. Fir-rigward tat-tfal, it-teħid tal-marki tas-swaba' tal-minorenni, b'mod partikolari tfal żgħar, jinħtieġ li jsir b'manjiera li jieħu ħsieb l-interessi tat-tfal u b'mod adattat għalihom. Dispożizzjonijiet rilevanti jiżguraw ukoll li t-tfal ma huma suġġetti għall-ebda sanzjonijiet amministrattivi fejn hemm raġuni ġustifikata biex ma jiġux ppreżentati l-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ u li l-awtoritajiet ta' Stat Membru jridu jiżguraw li meta jkollhom suspett li jista' jkun hemm kwistjonijiet ta' protezzjoni tat-tfal wara rifjut ta' preżentazzjoni tal-marki tas-swaba' jew fejn it-tifel/tifla jista' jkollu marki tas-swaba' jew l-idejn b'xi difetti, huma jintieġ li jirreferu l-minorenni lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal.

L-implimentazzjoni tal-proposta għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' applikanti u / jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-projbizzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija u estradizzjoni, inkluż fil-kuntest ta' trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi.

Kif stipulat fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni għad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali trid tkun adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. L-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikonoxxi wkoll li l-interferenza minn awtorità pubblika tad-dritt ta' persuna għall-privatezza tista' tkun iġġustifikata, kif ikun meħtieġ, fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, tas-sikurezza pubblika jew tal-prevenzjoni tal-kriminalità, bħalma huwa l-każ fil-proposta attwali. Il-proposta tipprovdi għal aċċess għall-EURODAC għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra għall-finijiet ta' identifikazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni u biex jaċċessaw *data* fuq l-istorja tal-ivvjaġġar tagħhom. Salvagwardji fir-rigward tad-*data* personali jinkludu wkoll id-dritt tal-aċċess għal jew id-dritt ta' korrezzjoni

jew tħassir tad-*data*. Il-limitazzjoni tal-perjodu ta' retenzjoni ta' *data* msemmija hawn fuq fil-Kapitolu 1 ta' dan il-*memorandum* ta' spjegazzjoni, tikkontribwixxi wkoll għall-ħarsien tad-*data* personali bħala dritt fundamentali.

Il-proposta tipprovdi għal aċċess għall-EURODAC għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra għall-finijiet ta' identifikazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni u biex jaċċessaw *data* fuq il-movimenti tagħhom fl-UE. Barra minn hekk, awtoritajiet maħtura tal-infurzar tal-liġi jistgħu jitolbu biss aċċess għad-*data* tal-EURODAC jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jikkunsidra li tali aċċess jikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni tar-reati kriminali inkwistjoni. Dawn it-talbiet huma vverifikati minn awtorità maħtura tal-infurzar tal-liġi sabiex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet stretti għat-talba ta' aċċess għall-EES għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi jkunux ġew is-sodisfati.

Barra minn hekk, il-proposta tistabilixxi wkoll miżuri ta' sigurtà tad-*data* stretti sabiex tassigura s-sigurtà ta' *data* personali pproċessata u tistabbilixxi superviżjoni tal-attivitajiet tal-ipproċessar minn awtoritajiet indipendenti ta' protezzjoni ta' *data* pubblika u dokumentazzjoni tat-tiftix kollu li jsir. Il-proposta tiddikjara wkoll li l-ipproċessar tad-*data* personali kollu li jitwettaq mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-EURODAC ladarba dawn ikunu ġew estratti huwa soġġett għal Direttiva ġdida dwar il-protezzjoni tad-*data* għall-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Il-proposta tistabbilixxi regoli stretti dwar l-aċċess għall-EURODAC u s-salvagwardji meħtieġa. Hija tipprevedi wkoll li d-drittijiet tal-individwi għall-aċċess, il-korrezzjoni, it-tħassir u tirrimedja b'mod partikolari d-dritt għal rimedju ġudizzjarju u s-superviżjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar minn awtoritajiet pubbliċi indipendenti. Għaldaqstant, din il-proposta tikkonforma għal kollox mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari rigward id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, u hija wkoll konformi mal-Artikolu 16 TFUE, li jiggarantixxi li kulħadd ikollu d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardah.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta preżenti timplika emenda teknika għas-sistema ċentrali tal-EURODAC sabiex tipprovdi għall-possibilità sabiex tagħmel tqabbil għat-tliet kategoriji ta' *data* u għall-ħażna tat-tliet kategoriji ta' *data*. Funzjonalitajiet oħra bħall-ħażna ta' *data* bijografika flimkien max-xbiha tal-wiċċ meħuda mill-ġenb se teħtieġ aktar emendi għas-Sistema Ċentrali

Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta tirrefletti din il-bidla.

L-ispejjeż stmati ta' EUR 29,872 miljun jinkludu spejjeż ta' titjib tekniku u kapaċità akbar ta' ħażna u fluss fis-Sistema Ċentrali. Hija tikkonsisti wkoll minn servizzi relatati mal-IT, software u hardware u tkopri l-aġġornament u l-adattament sabiex tippermetti riċerki għal kull kategorija ta' *data* li tkopri kemm għall-finijiet ta' ażil kif ukoll migrazzjoni irregolari. Dan jirrifletti wkoll l-ispejjeż tal-persunal addizzjonali meħtieġa minn eu-LISA.

5. ELEMENTI OĦRA

• Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

- <u>L-estensjoni tal-ambitu tal-EURODAC għal finijiet ta' ritorn (l-Artikolu 1(1)(b)):</u> L-ambitu tar-Regolament EURODAC il-ġdid ġie estiż biex jinkludi l-possibilità għall-Istati Membri

biex jaħżnu u jfittxu d-*data* li tappartjeni lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi jew persuni apolidi li mhumiex applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b’mod li jkunu jistgħu jiġu identifikati għal skopijiet ta’ ritorn u riammissjoni. Il-bażi ġurdika ġdida, l-Artikolu 79(2)(c) ġiet miżjuda għal dawn l-iskopijiet. B’hekk il-EURODAC qed isir bażi tad-*data* għal finijiet ta’ immigrazzjoni iktar wiesgħa u ma jibqax jeżisti biss biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament Dublin III, għalkemm din il-funzjoni xorta se tkun aspett importanti tiegħu. Fil-preżent il-EURODAC iqabbel biss *data* dwar marki tas-swaba’ meħudin minn migranti irregolari u applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kontra d-*data* dwar l-ażil minħabba li huwa bażi ta' *data* dwar l-ażil. Ma jsirx tqabbil bejn *data* dwar il-marki tas-swaba’ meħudin minn migranti irregolari fil-fruntieri esterni u *data* tal-marki tas-swaba’ meħuda minn ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jinqabdu jissoġġornaw illegalment fit-territorju ta’ Stat Membru.

L-estensjoni tal-ambitu tal-EURODAC tippermetti lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni kompetenti ta’ Stat Membru li jittrasmetti u jqabbel *data* dwar dawk iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi residenti illegalment li ma jitolbux l-ażil u li jistgħu jiċċaqilqu fl-Unjoni Ewropea bil-moħbi. L-informazzjoni miksuba permezz ta' hit imbagħad tista’ tassisti l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-kompitu tagħhom ta’ identifikazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi residenti illegalment fit-territorju tagħhom għal finijiet ta’ ritorn. Hija tista’ tipprovdi wkoll elementi ta’ evidenza prezzjużi għal finijiet ta' dokumentazzjoni mill-ġdid u riammissjoni.

- <u>Żgurar tas-supremazija tal-proċedura ta’ Dublin (l-Artikoli 15(4) u 16(5)):</u> ġiet inkluża dispożizzjoni sabiex jiġi żgurat li meta hit dwar il-marki tas-swaba' tindika li tkun saret applikazzjoni għall-ażil fl-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru li jkun wettaq it-tfittxija jinħtieġ li jiżgura li tiġi segwita l-proċedura ta’ Dublin bħala ħaġa ta’ rutina u mhux proċedura ta’ ritorn għall-individwu kkonċernat. Dan biex ikun iggarantit li meta jinkisbu għadd ta' hits mis-Sistema Ċentrali relatati mal-istess individwu, l-Istat Membru li kkonsulta l-EURODAC ma jitħalla bl-ebda dubju dwar il-proċedura korretta li kellha tiġi segwita sabiex l-ebda applikant għal protezzjoni internazzjonali ma jiġi ritornat lura lejn il-pajjiż ta’ oriġini tiegħu jew lejn pajjiż terz bi ksur tal-prinċipju ta’ *non-refoulement*. Għalhekk il-kunċett ta’ “ġerarkija ta’ hits” ġie introdott biex jippermetti dan.

- <u>Obbligu li jittieħdu l-marki tas-swaba’ u tax-xbiha tal-wiċċ (l-Artikolu 2):</u> il-proposta tispeċifika obbligu ċar għall-Istati Membri biex jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba’ u tax-xbiha tal-wiċċ ta’ kull waħda mit-tliet kategoriji ta’ persuni u tiżgura li l-Istati Membri jimponu dawn l-obbligi fuq applikanti ta’ protezzjoni internazzjonali u ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi jew ta’ persuni apolidi sabiex ikunu konxji. L-obbligu li jittieħdu l-marki tas-swaba’ dejjem eżistiet u kienet tiġi kkomunikata lis-suġġetti tad-*daejta* permezz ta’ informazzjoni f’forma ta’ fuljett skont l-Artikolu 29(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013. Dan l-Artikolu jippermetti wkoll lill-Istati Membri jintroduċu penali, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għal dawk l-individwi li jirrifjutaw li jipprovdu xbiha tal-wiċċ jew li jikkonformaw mal-proċedura tal-marki tas-swaba’, fejn rilevanti, id-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac bħala dak jistabbilixxi l-aħjar strateġija biex tiġi segwita mill-Istati Membri biex jiksbu l-marki tas-swaba’.[20] Madankollu, id-dispożizzjonijiet ġodda ġew stabbiliti biex jiżguraw li t-teħid tal-marki tas-swaba’ u tar-ritratt tal-wiċċ minn minuri, b’mod partikolari tfal żgħar, jinħtieġ li jsir b’manjiera li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal u b’mod adattat għalihom. Dawn id-dispożizzjonijiet jiżguraw ukoll li minorenni ma jkunx suġġett għal xi sanzjonijiet amministrattivi jekk ma jippreżentax il-marki tas-swaba' jew ix-xbiha tal-wiċċ, fejn hemm raġuni ġustifikata biex ma jiġux ippreżentati u li l-awtoritajiet ta’ Stat Membru jridu jiżguraw li meta jkollhom suspett li jista’ jkun hemm

[20] SWD(2015) 150 final

kwistjonijiet ta' protezzjoni tat-tfal wara rifjut ta' preżentazzjoni tal-marki tas-swaba' jew tax-xbiha tal-wiċċ, jew fejn it-tifel/tifla jista' jkollu marki tas-swaba' jew l-idejn b'xi difetti, huma jinħtieġ li jirreferu l-minorenni lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal.

- Il-ħażna tad-*data* personali tas-suġġett tad-*data* (l-Artikoli 12, 13 u 14): Il-EURODAC dejjem ħadem biss bil-marki tas-swaba' u preċedentement ebda *data* personali oħra tas-suġġett tad-*data* ma ġiet maħżuna apparti s-sess tal-individwu. Il-proposta l-ġdida issa tippermetti l-ħażna ta' *data* personali tas-suġġetti tad-*data* bħalma huma l-isem(ismijiet), l-età, id-data tat-twelid, in-nazzjonalità, u d-dokumenti tal-identità, kif ukoll ix-xbiha tal-wiċċ. Il-ħażna tad-*data* personali tippermetti lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-ażil jidentifikaw faċilment individwu mingħajr il-ħtieġa li tintalab din l-informazzjoni direttament minn Stat Membru ieħor. Id-*data* personali tal-individwu tkun tista' tinkiseb mis-Sistema Ċentrali fuq bażi ta' hit jew ebda hit biss. Dan biex jiġi salvagwardjat id-dritt ta' aċċess għal din id-*data*, u b'hekk fejn ma jkunx hemm hit għall-marki tas-swaba' jew għax-xbiha tal-wiċċ id-*data* personali ma tkunx tista' tinkiseb.

Għall-finijiet tar-Regolament ta' Dublin, informazzjoni ġdida għandha tiġi aġġornata fil-EURODAC rigward l-Istat Membru li jsir responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil wara l-allokazzjoni ta' applikant lejn Stat Membru ieħor. Dan imbagħad se jagħmilha ċara liema Stat Membru hu responsabbli skont ir-Regolament ta' Dublin riformulat, jekk applikant jaħrab jew jagħmel talba għall-ażil fi Stat Membru ieħor wara li ssir proċedura tal-allokazzjoni u l-hit tal-marki tas-swaba'.

- Identifikaturi bijometriċi (l-Artikoli 2, 15, u 16): Ir-Regolament attwali tal-EURODAC jippermetti t-tqabbil tad-*data* tal-marki tas-swaba' biss. Fl-2015, l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ssuġġerixxiet il-possibbiltà li jiżdiedu aktar identifikaturi bijometriċi oħrajn għall-EURODAC sabiex jittaffew ċerti sfidi li l-Istati Membri kienu qed iħabbtu wiċċhom minħabba difetti fil-marki tas-swaba' u nuqqas ta' kooperazzjoni fil-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba'.[21] Din il-proposta ddaħħal rekwiżit għall-Istati Membri biex jieħdu ritratt tal-wiċċ tas-suġġett tad-*data* għal trażmissjoni lis-Sistema Ċentrali u tinkludi dispożizzjonijiet biex isir tqabbil tad-*data* dwar il-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ flimkien u tax-xbiha tal-wiċċ separatament b'kundizzjonijiet definiti. L-inserzjoni tax-xbihat tal-wiċċ fis-Sistema Ċentrali se taġġorna s-sistema biex it-tiftixiet isiru bis-software tar-rikonoxximent tal-wiċċ fil-futur.

L-Istati Membri se jkomplu jieħdu l-marki tas-swaba' tal-għaxart iswaba' kollha bħala impressjonijiet sempliċi u rrumblati, u dan se japplika għal individwi li huma misjuba li qed joqogħdu illegalment fi Stat Membru minħabba li l-istess sett ta' marki tas-swaba' se jkun meħtieġ għal kull waħda mit-tliet kategoriji sabiex jiġu mqabbla b'mod preċiż.

- Tqabbil u trażmissjoni tal-kategoriji tad-*data* kollha (l-Artikoli 15 u 16): filwaqt li skont ir-Regolament (UE) Nru 603/2013, żewġ kategoriji ta' marki tas-swaba' biss kienu maħżuna u d-*data* setgħet tiġi mqabbla biss mad-*data* tal-marki tas-swaba' tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, il-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ ta' kull waħda mit-tliet kategoriji ta' *data* issa se jkunu maħżuna u mqabbla ma' xulxin. Dan jippermetti lill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni fi Stat Membru biex jivverifikaw jekk ċittadin ta' pajjiż terz b'residenza illegali fi Stat Membru jkunx ippreżenta applikazzjoni għall-ażil, jew daħalx fl-UE illegalment fil-fruntiera esterna. Bl-istess mod se tippermetti lil Stat Membru biex jivverifika jekk xi ħadd li nqabad jaqsam il-fruntiera esterma illegalment kienx f'xi waqt residenti illegalment fi Stat Membru ieħor. It-twessigħ tal-ambitu tat-tiftix jippermetti li jiġu

---

[21] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM(2015) 240 final, 13.5.2015, pp13-14.

segwiti xejriet ta' movimenti irregolari u sekondarji li jridu jiġu segwiti fl-Unjoni Ewropea kollha, u jistgħu jwasslu biex tiġi stabbilita l-identità tal-individwu kkonċernat fin-nuqqas ta' dokumenti ta' identità validi.

- Tnaqqis tal-età minima tat-teħid tal-marki tas-swaba' għal sitt snin (l-Artikoli 10, 13 u 14): l-età għat-teħid tal-marki tas-swaba' storikament dejjem kienet 14-il sena. L-istudju sar miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, dwar "*Fingerprint Recognition for children*"[22] jindika li l-marki tas-swaba' meħuda minn tfal ta' sitt snin u 'l fuq jistgħu jintużaw f'xenarji ta' tqabbil awtomatizzati bħall-EURODAC meta wieħed joqgħod attent li jikseb xbihat ta' kwalita tajba.

Bosta Stati Membri jieħdu l-marki tas-swaba' ta' tfal ta' età iżgħar minn sitt snin għal finijiet nazzjonali, bħal pereżempju l-ħruġ ta' passaport jew ta' permess ta' residenza bijometriku.

Bosta applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu b'mod irregolari fl-Unjoni Ewropea jivvjaġġaw bil-familja u f'ħafna każijiet bi tfal żgħar ħafna. Il-kapaċità li jiġu identifikati dawn it-tfal bl-għajnuna ta' immaġni tal-wiċċ u marki tas-swaba', se tgħin biex jiġu identifikati t-tfal f'każijiet fejn huma separati mill-familji tagħhom billi jippermetti lil Stat Membru biex isegwi linja ta' inkjesta fejn hit tal-marki tas-swaba' jindika li huma kienu preżenti fi Stat Membru ieħor. Hija ssaħħaħ ukoll il-protezzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati li mhux dejjem formalment ifittxu protezzjoni internazzjonali u li jaħarbu minn istituzzjonijiet ta' kura tat-tfal jew servizzi soċjali tat-tfal li jkunu ġew assenjati taħt il-kura tagħhom. Bil-programm ta' qafas legali u tekniku l-identità tagħhom ma tistax tiġi stabbilita. B'hekk is-sistema EURODAC tista' tintuża biex tirreġistra tfal li ġejjin minn pajjiżi terzi meta dawn ikunu nstabu bla dokumenti fl-UE biex jgħin ħalli jiġu segwiti u jiġi evitat li jispiċċaw f'xenarji ta' sfruttament.

- Żamma tad-*data* (l-Artikolu 17): il-perjodu taż-żamma tad-*data* tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jibqa' l-istess, jiġifieri 10 snin. Dan biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jittraċċaw il-movimenti sekondarji fl-Unjoni Ewropea wara għotja ta' *status* ta' protezzjoni internazzjonali fejn l-individwu kkonċernat ma jkunx awtorizzat li joqgħod fi Stat Membru ieħor. Minħabba li r-Regolament ta' Dublin riformulat se jinkludi fl-ambitu tiegħu l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, din id-*data* issa tista' tintuża biex jiġu trasferiti lura refuġjati jew persuni mogħtija protezzjoni sussidjarja lejn l-Istat Membru li jkun tahom tali protezzjoni.

Id-*data* tal-marki tas-swaba' ta' ċittadini minn pajjiżi terzi residenti illegalment li ma talbux ażil se tinżamm għal ħames snin. Dan għaliex il-EURODAC ma għadux bazi tad-*data* għall-applikanti għall-ażil biss u li din id-*data* tinżamm għal aktar żmien huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-immigrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji fi u lejn l-UE jkunu jistgħu jiġu sorveljati biżżejjed. Dan il-perjodu ta' ħażna huwa allinjat mal-perjodu massimu għat-tqegħid ta' projbizzjoni fuq id-dħul għal individwu għal skopijiet ta' migrazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar ir-Ritorni 2008/115/KE, il-perjodu taż-żamma tad-*data* għall-ħażna ta' informazzjoni dwar il-viża (l-Artikolu 23 tar-Regolament dwar il-Viża), u l-perjodu taż-żamma tad-*data* propost biex tinħażen *data* fis-Sistema ta' Dħul / Ħruġ (l-Artikolu 31 tal-EES).

- Tħassir avvanzat tad-*data* (l-Artikolu 18): tħassir avvanzat tad-*data* jibqa' l-istess għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari jew persuni apolidi li jingħataw iċ-ċittadinanza. *Data* li tappartjeni għal dawn l-individwi li tkun maħżuna fis-sistema ċentrali se titħassar minn qabel jekk iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tinkiseb għax ma tibqax taqa' fl-ambitu tal-EURODAC.

[22] (Rapport EUR 26193 EN; ISBN 978-92-79-33390-3)

Id-*data* ma tibqax aktar titħassar minn qabel għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment jew persuni apolidi li ngħataw dokument ta' residenza jew li telqu mit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Huwa meħtieġ li tinżamm din id-data fil-każ li f'xi waqt dokument ta' residenza, li normalment jagħti żmien limitat, ma jibqax validu u l-individwu ma jitlaqx, jew ċittadin ta' pajjiż terz residenti illegalment u li kien iritorna f'pajjiż terz jista' jipprova jerġa' jidħol fl-UE b'mod irregolari għal darb'oħra.

- L-immarkar tad-*data* ta' ċittadini minn pajjiżi terzi residenti illegalment (l-Artikolu 19(4) u (5)): Bħalissa skont ir-Regolament tal-EURODAC, id-*data* ta' ċittadini minn pajjiżi terzi residenti illegalment li ma jippreżentawx applikazzjoni għall-ażil fl-Unjoni Ewropea titħassar minn qabel ladarba d-dokument ta' residenza jinkiseb. Il-proposta tintroduċi tibdil biex jippermetti li din id-*data* tiġi mmarkata minflok ma titħassar minn qabel, b'tali mod li meta Stat Membru jagħmel tfittxija fil-EURODAC, li tirriżulta f'hit immarkata mis-Sistema Ċentrali, jista' jiġi vverifikat minnufih li ċittadin ta' pajjiż terz b'residenza illegali jkun ingħata dokument ta' residenza minn Stat Membru ieħor. Jista' mbagħad ikun possibbli, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar ir-Ritorn li jgħaddu lura l-individwu lill-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza.

Data dwar applikanti għall-protezzjoni internazzjonali hija bblukkata għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi wara tliet snin; madankollu, id-*data* ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali, li ma japplikawx għal protezzjoni internazzjonali u li ngħataw permess ta' residenza temporanja, ma tiġix blukkata għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Dan sabiex jiġi żgurat li meta dokument ta' residenza jiskadi qabel il-perjodu taż-żamma tad-*data* ta' ħames snin, id-*data* tkun għadha disponibbli għat-tiftix. *Data* dwar applikanti għall- ażil se tkompli tiġi trattata b'mod differenti f'dan ir-rigward għaliex l-applikanti għall-ażil huma iktar probabbli li jiksbu tiġdid tal-permess tar-residenza tagħhom bħala benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jew permess ta' residenza għal perjodu fit-tul.

- Skambju ta' informazzjoni miksuba mill-EURODAC ma' pajjiżi terzi (l-Artikolu 38): l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiż terz, organizzazzjoni internazzjonali jew entità privata huwa strettament ipprojbit skont ir-Regolament attwali. Testendi l-ambitu tal-EURODAC biex tassisti Stat Membru biex juża d-*data* tal-EURODAC għall-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni mill-ġdid ta' ċittadin minn pajjiż terz li joqgħod illegalment għal skopijiet ta' ritorn u riammissjoni minħabba li dan jinvolvi l-kondiviżjoni tad-*data* f'ċerti ċirkustanzi, ma' pajjiż terz — għall-finijiet leġittimi u waħdanin ta' ritorn. Għalhekk ġiet inkluża dispożizzjoni speċifika li tippermetti l-iskambju ta' *data* ma' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' ritorn, li tistipula kundizzjonijiet stretti ħafna li bihom din id-*data* tista' tiġi kondiviża. Hija wkoll strettament tipprojbixxi li l-bażi tad-*data* tal-EURODAC tiġi aċċessata minn pajjiż terz, li mhuwiex parti għar-Regolament ta' Dublin, jew li tippermetti lil Stat Membru biex jivverifika d-*data* f'isem pajjiż terz. Biż-żieda ta' din id-dispożizzjoni dwar l-iskambju ta' *data* ma' pajjiżi terzi, il-EURODAC hija allinjata ma' bażijiet ta' *data* oħra bħall-VIS u s-Sistema ta' Dħul / Ħruġ li wkoll fihom dispożizzjonijiet simili għall-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet ta' ritorn.

- Aċċess għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-EUROPOL (l-Artikolu 20(3)): saru emendi minuri għad-dispożizzjonijiet għall-aċċess tal-infurzar tal-liġi biex jiżguraw li t-tliet kategoriji ta' *data* maħżuna fis-Sistema Ċentrali jistgħu jitqabblu meta jiġu mqabbla ma' tiftix ta' infurzar tal-liġi u biex fil-futur jippermettu tiftix bbażata fuq xbiha tal-wiċċ.

- Permess lill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta tal-Kosta u l-esperti mill-Istati Membri tal-EASO li jieħdu l-marki tas-swaba' (l-Artikolu 10(3) u 13 (7): il-proposta tippermetti, skont id-diskrezzjoni ta' Stat Membru, l-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-esperti tal-ażil tal-Istat Membru li jintbagħtu fi Stat Membru taħt l-

awspiċi tal-EASO, li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba' lill-EURODAC f'isem Stat Membru. Il-proposta tillimita dawn il-funzjonijiet għal żoni fejn il-mandati taż-żewġ Aġenziji jippermettilhom jagħmlu dan (jiġifieri fil-fruntiera esterna għal dawk li jidħlu illegalment u għall-applikanti għall-ażil).

- Statistika (l-Artikolu 9) sabiex ikun jista' jkun hemm aktar trasparenza tad-*data* tal-EURODAC, saru xi emendi għat-tip ta' statistika li hija ppubblikata u l-frekwenza tal-pubblikazzjoni minn eu-LISA. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda ġew inklużi biex jippermettu li d-*data* statistika miksuba mill-EURODAC tkun tista' tinqasam ma' Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni rilevanti għal finijiet ta' analiżi u riċerka. L-istatistika prodotta minn eu-LISA għal dawn l-għanijiet ma jinħtiġx tirrapporta ebda isem, data tat-twelid individwali jew xi *data* personali oħra li individwalment tidentifika s-suġġetti tad-*data*. L-emendi ddaħħlu wkoll biex jippermettu lill-Kummissjoni titlob statistika *ad hoc* mingħand eu-LISA wara talba għal dan.

- Arkitettura u ġestjoni operattiva tas-Sistema Ċentrali (l-Artikolu 4 u 5): saru bidliet fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni biex jippermettu lis-Sistema Ċentrali li tagħmel użu tal-Eurodomain, li se jġib ekonomiji ta' skala sinifikanti. Il-ġestjoni operazzjonali ta' DubliNet bħala infrastruttura ta' komunikazzjoni eżistenti separata għall-finijiet tar-Regolament ta' Dublin ġiet ukoll inkorporata skont l-arkitettura tas-sistema u se tiżgura li kemm il-ġestjoni finanzjarja kif ukoll dik operazzjonali jiġu trasferiti lill-eu-LISA, li bħalissa hija responsabbli biss għall-ġestjoni operazzjonali tagħha permezz ta' *Memorandum* ta' Ftehim separat mal-Kummissjoni (DĠ HOME).

- Provvediment ta' tagħrif dwar hits żbaljati (l-Artikolu 26(6)): L-Istati Membri issa se jkunu meħtieġa li jinfurmaw biss lill-eu-LISA bil-fatt li hit żbaljata waslet fis-Sistema Ċentrali u jagħtu l-informazzjoni relatata ma' eu-LISA relatata ma' din il-hit sabiex ikunu jistgħu jneħħu l-konnessjoni tar-rekords tal-hit żbaljata mill-bażi tad-*data*. Fil-futur l-Aġenzija eu-LISA se tiġbor statistika dwar in-numru ta' hits foloz rappurtati sabiex il-Kummissjoni ma jkollhiex aktar bżonn li tiiġi infurmata direttament b'hit żbaljata.

- L-użu tad-*data* personali reali għall-ittestjar (l-Artikolu 5(1)): Meta sar l-ittestjar tas-Sistema Ċentrali tal-EURODAC, eu-LISA kienet ristretta għal "*data* finta" għall-ambjent ta' ttestjar u biex tittestja teknoloġiji ġodda, li naqas milli jipproduċu riżultati tat-test tajba minħabba li d-*data* użata. Il-proposta tippermetti l-użu ta' *data* personali reali għall-ittestjar tas-Sistema Ċentrali għad-dijanjosi u t-tiswija, kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji u tekniki ġodda, soġġett għal kundizzjonijiet stretti u fuq il-bażi li d-*data* tiġi anonimizzata għal skopijiet ta' ttestjar u ma tistax tintuża għal identifikazzjoni individwali.

↓ 603/2013 (adattat)

2016/0132 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f’wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida għall-idenifikazzjoni ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta’ infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e), ⌦ 79(2)(c), ⌫ 87(2)(a) u 88(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

↓ 603/2013 premessa 1 (adattat)

(1) Għandu jsir ammont ta’ tibdil sostanzjali ~~lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta’ Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' “Eurodac” għat-tqabbil ta' marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[23] u lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.407/2002 tat-28 ta’ Frar 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' “Eurodac” għat-tqabbil ta' marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[24] .~~ ⌦ lir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] ⌫ . Fl-interess taċ-ċarezza, ~~dawk~~ ⌦ dan ⌫ ir-Regolament~~i għandhom jiġu mfassla~~ <u>għandu jiġi mfassal</u> mill-ġdid.

[23] ~~ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1.~~

[24] ~~ĠU L 62, 5.3.2002, p. 1.~~

[25] Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-“Eurodac” għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f’wieħed mill-Istati

🡻 603/2013 premessa 2

(2) Politika komuni dwar l-ażil, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, hija parti kostitwenti tal-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi b'mod progressiv spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, sforz iċ-ċirkustanzi, ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni.

🡻 603/2013 premessa 3 (adattat)

(3) ~~Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja li stabbilixxa l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-perjodu 2005-2010. Il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil approvat mill-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ottubru 2008 sejjaħ għat-tlestija tal-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi tinħoloq proċedura waħda li tinkludi garanziji komuni u status uniformi għar-rifuġjati u persuni eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja.~~

🡻 603/2013 premessa 4 (adattat)

(4) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru [.../...] ~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] tas-26 ta' Ġunju 2013~~ <u>li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida[27],</u> huwa neċessarju li tkun stabbilita l-identità tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ta' persuni maqbuda b'konnessjoni mal-qsim kontra l-liġi tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa wkoll mixtieq, sabiex jiġi applikat b'mod effettiv ir-Regolament (UE) Nru [.../...], u b'mod partikolari l-Artikoli [..] u [..]) tiegħu, li kull Stat Membru jitħalla jivverifika jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinstabu illegalment fit-territorju tiegħu jkunx applika għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor.

🡻 603/2013 premessa 5 (adattat)
⇨ ġdid

(5) ~~Il-marki tas-swaba'~~ ⇨ Il-bijometriċi ⇦ jikkostitwixxu element importanti biex tkun stabbilita l-identità eżatta ta' dawn il-persuni. Huwa meħtieġ li titwaqqaf sistema għat-tqabbil tad-*data* tal-marki tas-swaba' tagħhom ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦.

Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

[26] ~~Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).~~

[27] <u>Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali</u>

🡻 603/2013 premessa 6
⇨ ġdid

(6) Għal dak il-għan, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti minn Sistema Ċentrali, li għandha tħaddem bażi tad-*data* ċentrali kompjuterizzata ta' *data* fuq marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦, kif ukoll tal-mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni bejn l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali, minn hawn 'il quddiem "l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni".

⇩ ġdid

(7) Għall-finijiet tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru […/…] huwa wkoll meħtieġ li jkun żgurat li teżisti infrastruttura sigura tal-komunikazzjoni separata, li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-ażil jistgħu jużaw għall-iskambju tal-informazzjoni dwar l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Dan il-mezz elettroniku sigur tat-trażmissjoni għandu jkun magħruf bħala 'DubliNet' u għandu jkun ġestit u operat minn eu-LISA.

🡻 603/2013 premessa 7 (adattat)

(8) ~~Il-Programm tal-Aja talab għat-titjib tal-aċċess għal sistemi ta' ffajljar tad-data fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-Programm ta' Stokkolma talab għal ġbir tad-data mmirat sew u żvilupp ta' skambju tal-informazzjoni u l-għodod tiegħu li huma mmexxija mill-bżonnijiet tal-infurzar tal-liġi.~~

⇩ ġdid

(9) Fl-2015, il-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni wrew l-isfidi li kienu qed jiffaċċjaw xi Stati Membri biex jieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu qed jirrisjedu illegalment jew persuni bla stat li pruvaw jevitaw il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015, bit-titolu "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni"[28] innutat li "*L-Istati Membri jridu wkoll jimplimentaw b'mod sħiħ ir-regoli dwar it-teħid ta' marki tas-swaba' tal-migranti fil-fruntieri*" u kompliet tipproponi li "*Il-Kummissjoni se tesplora wkoll kif aktar identifikaturi bijometriċi jistgħu jintużaw permezz tas-sistema Eurodac (bħal ma hu l-użu ta' tekniki ta' rikonoxximent tal-wiċċ permezz ta' ritratti diġitali)*".

(10) Biex jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-isfidi relatati ma' nuqqas ta' konformità mal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba', dan ir-Regolament jippermetti wkoll il-paragun tal-immaġni tal-wiċċ mingħajr il-marki tas-swaba' bħala l-aħħar possibbiltà, fejn ikun impossibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' persuni ċittadini ta' pajjiż terz jew mingħajr stat minħabba li l-marki tas-swaba' tiegħu jew tagħha huma danneġġati, b'mod intenzjonali jew le, jew amputati. L-Istati Membri jinħtieġ li jeżawrixxu l-isforzi tagħhom kollha biex jiżguraw li l-marki tas-swaba' jkunu jistgħu jittieħdu mis-

---

[28] COM(2015) 240 final, 13.5.2015

suġġett tad-*data* qabel ma jagħmlu paragun fejn jużaw ix-xbiha tal-wiċċ biss fejn in-nuqqas ta' konformità bażata fuq raġunijiet mhux relatati mal-kundizzjonijiet tas-swaba' tal-individwu hija mogħtija. Meta jintużaw ix-xbihat tal-wiċċ flimkien mad-*data* tal-marki tas-swaba', dan jippermetti għal tnaqqis tal-marki tas-swaba' reġistrati filwaqt li jippermetti l-istess riżultat f'termini ta' preċiżjoni tal-identifikazzjoni.

(11) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma għandhomx id-dritt li joqogħdu fl-Unjoni, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inklużi l-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/115/KE[29], huwa parti essenzjali tal-isforzi komprensivi biex jittrattaw il-migrazzjoni u, b'mod partikolari, biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari. Biex tiżdied l-effettività tas-sistema tal-Unjoni biex jiġu ritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment hija meħtieġa sistema biex tinżamm il-fiduċja pubblika fis-sistema tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, u jinħtieġ li timxi id f'id mal-isforzi biex jiġu protetti dawk li jetieġu protezzjoni.

(12) L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jesperjenzaw diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu illegalment li jużaw mezzi frodulenti biex jevitaw li jiġu identifikati u biex ifixklu l-proċeduri ta' dokumentazzjoni mill-ġdid fid-dawl ta' ritorn u riammissjoni. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni bla stat li jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fl-UE tinġabar u tiġi trażmessa lill-Eurodac u tiġi mqabbla ma' dik miġbura u trażmessa għall-finijiet biex tiġi stabbilita l-identità ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda f'relazzjoni ma' qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, sabiex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni u r-ridokumentazzjoni tagħhom u biex jiġu żgurati r-ritorn u r-riammissjoni tagħhom, u biex jitnaqqas il-frodi tal-identità. Dan jinħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tat-tul tal-proċeduri amministrattivi meħtieġa biex jiġi żgurat ir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed jirrissjedu illegalment, inkluż il-perjodu li fih jistgħu jinżammu f'detenzjoni amministrattiva waqt li qed jistennew li jiġu mkeċċija. Jinħtieġ li jippermetti wkoll l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi ta' tranżitu, fejn ċittadini ta' pajjiż terz residenti illegalment jistgħu jiġu riammessi.

(13) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-futur tal-politika tar-ritorn, il-Kunsill approva l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni biex jesplora **estensjoni tal-ambitu u l-iskop tal-Eurodac** biex jippermetti l-użu ta' *data* għall-fini tar-ritorn[30]. L-Istati Membri jinħtieġ li jkollhom l-għodod neċessarja għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jaqbdu l-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jirrisjedu fl-Unjoni illegalment. Għaldaqstant, id-*data* fil-Eurodac jinħtieġ li tkun disponibbli, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri.

(14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar Qawwija u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[31] tisħaq dwar il-ħtieġa li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni bħala objettiv fit-tul, kif identifikat ukoll mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill. Il-Komunikazzjoni tipproponi li twaqqaf Grupp

---

[29] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24,12,2008, p. 98.

[30] Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn, COM(2015) 453 final.

[31] COM(2016) 205 finali

ta' Esperti dwar is-Sistemi tal-Informazzjoni u l-Interoperabbiltà biex tkun ittrattata l-fattibbiltà legali u teknika tal-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni għall-fruntieri u s-sigurtà. Dan il-grupp jinħtieġ li jevalwa n-neċessità u l-proporzjonalità biex tiġi stabbilita l-interoperabbiltà tas-Sistemi tal-Informazzjoni ta' Schengen (Schengen Information Systems , SIS) u s-Sistemi tal-Informazzjoni dwar il-Visa (Visa Information Systems, VIS), u jeżamina jekk hemmx bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali għall-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-EURODAC.

↓ 603/2013 premessa 8 (adattat)

(15) Huwa essenzjali li, fil-ġlieda kontra r-reati terroristiċi u reati serji oħra, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollhom l-informazzjoni l-aktar sħiħa u aġġornata jekk iridu jwettqu l-kompiti tagħhom. L-informazzjoni miżmuma fil-Eurodac hija meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi kif imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI ~~tat-13 Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu~~[32] jew ta' reati serji oħra kif imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI ~~tat-13 Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri~~[33]. Għaldaqstant, id-*data* fil-Eurodac għandha tkun disponibbli, suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, biex tiġi mqabbla mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol).

↓ 603/2013 premessa 9

(16) Is-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex ikollhom aċċess għall-Eurodac għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' applikant li jkun applika għall-protezzjoni internazzjonali li jkollu l-applikazzjoni tiegħu pproċessata f'waqtha taħt il-liġi rilevanti. Barra minn hekk, kull segwitu sussegwenti wara l-kisba ta' "hit" mill-Eurodac għandu wkoll ikun mingħajr preġudizzju għal dak id-dritt.

↓ 603/2013 premessa 10 (adattat)

(17) Il-Kummissjoni ~~spjegat~~ ⌦ spjegat ⌫ fil-Kommunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2005 dwar effettività aħjar, interoperabbiltà u sinerġiji mtejba fost il-bażijiet tad-*data* Ewropej fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern, li l-awtoritajiet responsabbli għas-sigurtà interna jista' jkollhom aċċess għall-Eurodac f'każijiet definiti sew, meta jkun hemm suspett sustanzjat li l-awtur ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor ikun applika biex jingħata protezzjoni internazzjonali. F'dik il-Komunikazzjoni l-Kummissjoni sostniet ukoll li l-prinċipju tal-proporzjonalità jitlob li l-Eurodac jiġi kkonsultat għal tali finijiet biss jekk ikun hemm tħassib għas-sigurtà pubblika li jkun ta' importanza suprema, jiġifieri, jekk l-att imwettaq mill-kriminal jew mit-terrorist li għandu jiġi identifikat huwa daqstant gravi li jiġġustifika li jkun hemm tiftix fil-bażi tad-*data* li tirreġistra persuni li għandhom kondotta kriminali

---

[32] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3).

[33] Id-Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

nadifa u kkonkludiet li l-limitu għall-awtoritajiet responsabbli għas-sigurtà interna li jikkonsultaw lill-Eurodac għandu għalhekk ikun dejjem ogħla b'mod sinifikanti mil-limitu sabiex jiġu kkonsultati l-bażijiet tad-*data* kriminali.

🡻 603/2013 premessa 11 (adattat)

(18) Barra minn hekk, l-Europol għandu rwol kruċjali fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-investigazzjoni ta' reati transkonfinali fis-sostenn tal-prevenzjoni tal-kriminalità, analiżi u investigazzjoni fl-Unjoni. Konsegwentement, il-Europol għandu jkollu aċċess ukoll għall-Eurodac fil-qafas tal-kompiti tiegħu u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/~~ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)~~[34].

🡻 603/2013 premessa 12

(19) It-talbiet għal tqabbil ta' *data* tal-Eurodac min-naħa tal-Europol għandhom ikunu aċċettati permessi biss f'każijiet speċifiċi, f'ċirkustanzi speċifiċi u b'kondizzjonijiet stretti.

🡻 603/2013 premessa 13 (adattat)
⇨ ġdid

(20) Ladarba l-Eurodac kien oriġinalment stabbilit sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Dublin, l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati serji oħra tikkostitwixxi bidla fl-iskop oriġinali tal-Eurodac, li tinterferixxi fid-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata tal-individwi li d-*data* personali tagħhom tkun ipproċessata fil-Eurodac. ⇨ F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ⇦ ~~K~~kull interferenza bħal din għandha tkun konformi mal-liġi, li għandha tkun ifformulata bi preċiżjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-individwi li jaġġustaw il-kondotta tagħhom u li għandha tipproteġi lill-individwi kontra l-arbitrarjetà u tindika b'ċarezza suffiċjenti l-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod tal-eżerċizzju tagħha. Kull interferenza għandha tkun meħtieġa ~~f'soċjetà demokratika sabiex tipproteġu interess leġittimu~~ ⇨ biex b'mod ġenwin tilħaq għan ta' interess ġenerali ⇦ u proporzjonata ~~u proporzjonali~~ għall-għan leġittimu li hija timmira li tikseb.

🡻 603/2013 premessa 14

(21) Minkejja li l-iskop oriġinali tal-istabbiliment tal-Eurodac ma kienx jirrikjedi l-faċilità li jintalab tqabbil tad-*data* mal-bażi tad-*data* fuq il-bażi ta' marka tas-swaba' latenti, li hija t-traċċa dattiloskopika li tista' tinstab fuq post tad-delitt, tali faċilità hija fundamentali fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija. Il-possibbiltà li titqabbel marka tas-swaba latenti mad-*data* tal-marka tas-swaba' li tkun arkivjata fil-Eurodac f'każijiet

---

[34] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ~~(~~ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37~~)~~.

fejn hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jemmen li l-awtur jew il-vittma jistgħu jidħlu f'waħda mill-kategoriji koperti minn dan ir-Regolament setipprovdi lill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri b'għodda utli ħafna għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra, pereżempju meta l-unika prova disponibbli fil-post tad-delitt ikunu marki latenti ta' swaba'.

🡻 603/2013 premessa 15

(22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom għandhom jiġu permessi talbiet għat-tqabbil ta' *data* ta' marki tas-swaba' mad-*data* tal-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra u s-salvagwardji meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dritt fundamentali tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwi li tiġi pproċessata d-*data* personali tagħhom fil-Eurodac. Ir-rigorożità ta' dawk il-kundizzjonijiet tirrifletti l-fatt li l-bażi tad-*data* tal-Eurodac tirreġistra *data* ta' marki tas-swaba' ta' persuni li ma jkunux preżunti li kkommettew reat serju jew reat marbut mat-terroriżmu.

🡻 603/2013 premessa 16 (adattat)

(23) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti kollha u għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-acquis attwali tal-UE dwar l-ażil, b'mod partikolari mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[35] u r-Regolament (UE) Nru […/…]604/2013, huwa xieraq li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex ⌦ jinkludi ⌫ applikanti għal protezzjoni sussidjarja u persuni li huma eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja ⌦ fl-iskop tiegħu ⌫ .

🡻 603/2013 premessa 17 (adattat)
⇨ ġdid

(24) Hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri jkunu mitluba li jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-*data* dwar il-marki tas-swaba' ta' kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali u ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinqabdu b'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntieri esterni ta' Stat Membru ⇨ jew jekk jinstabu li qed jirrisjedu illegalment fi Stat Membru ⇦ , jekk ikunu minn 14-il sena 'l fuq ⇨ sitt snin 'il fuq ⇦ .

---

[35] Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-rifuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

⇩ ġdid

(25) Fid-dawl tat-tisħiħ tal-protezzjoni ta' minuri mhux akkumpanjati li għadhom ma applikawx għal protezzjoni internazzjonali u dawk it-tfal li jistgħu jiġu separati mill-familji tagħhom, huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu marki tas-swaba' u xbiha tal-wiċċ għall-ħażna fis-Sistema Ċentrali biex jgħinu jistabbilixxu l-identità tat-tfal u jassistu lill-Istat Membru biex jitraċċa kull rabta jew familjari li jista' jkollhom ma' Stat Membru ieħor. Li jiġu stabbiliti rabtiet familjari huwa elementi ewlieni fir-restawrar ta' unità familjari u jrid ikun marbut mill-qrib mad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u eventwalment tad-determinazzjoni ta' soluzzjoni fit-tul.

(26) L-aħjar interessi tat-tfal jinħtieġ li jkunu konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta l-Istat Membru rikjedenti jistabbilixxi li d-*data* tal-Eurodac tkun relatata ma' minorenni, din id-*data* tista' tintuża biss għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi mill-Istat Membru rikjedenti skont il-liġijiet ta' dan l-Istat applikabbli għal minorenni u skont l-obbligu li tingħata konsiderazzjoni primarja fl-aħjar interessi tat-tfal.

🡻 603/2013 premessa 18 (adattat)
⇨ ġdid

(27) Hemm bżonn li jkunu preskritti regoli preċiżi għat-trażmissjoni ta' dik id-*data* dwar marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ lis-Sistema Ċentrali, ir-reġistrar ta' dik id-*data* dwar marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ u ta' informazzjoni ⌦ personali ⌫ rilevanti oħra fis-Sistema Ċentrali, il-ħażna tagħhom, it-tqabbil ma' *data* dwar marki tas-swaba' oħra ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦, it-trażmissjoni tar-riżultati ta' dak it-tqabbil u l-immarkar u t-tħassir tad-*data* rreġistrata. Dawn ir-regoli jistgħu jvarjaw skont is-sitwazzjoni ta' kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi, u għandhom ikunu adattati speċifikament għaliha.

🡻 603/2013 premessa 19 (adattat)
⇨ ġdid

(28) L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-trażmissjoni tad-*data* tal-marki tas-swaba' ⇨ u xbiha tal-wiċċ ⇦ fi kwalità xierqa għall-iskop ta' tqabbil permezz tas-sistema kompjuterizzata ta' rikonoxximent tal-marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦. L-awtoritajiet kollha bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinvestu f'taħriġ adegwat u fit-tagħmir teknoloġiku meħtieġ. L-awtoritajiet bi dritt ta' aċċess għall-Eurodac għandhom jinfurmaw lill-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà sigurtà u ġustizzja stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] (~~l-"Aġenzija"~~ ⌦ "eu-LISA" ⌫) dwar diffikultajiet speċifiċi fir-rigward tal-kwalità tad-*data*, sabiex tinstab soluzzjoni għalihom.

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ~~(~~ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1~~)~~.

⬇ 603/2013 premessa 20
⇨ ġdid

(29) Il-fatt li jkun temporanjament jew permanentement impossibbli li tittieħed u / jew tiġi trażmessa *data* tal-marki tas-swaba’ ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ minħabba raġunijiet bħall-kwalità insuffiċjenti tad-*data* għal tqabbil xieraq, problemi tekniċi, raġunijiet marbuta mal-ħarsien tas-saħħa jew minħabba li s-suġġett tad-*data* ma jkunx f’qagħda jew ma jkollux il-ħila li jitteħdulu l-marki tas-swaba’ ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ minħabba ċirkostanzi barra mill-kontroll tiegħu, ma għandhiex taffettwa b’mod negattiv l-eżami ta', jew id-deċiżjoni dwar, l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn dik il-persuna.

⇩ ġdid

(30) L-Istati Membri jinħtieġ li jirreferu għad-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament Eurodac rigward l-obbligi li jittieħdu l-marki tas-swaba’ adottat mill-Kunsill fl-20 ta’ Lulju 2015[37], li jistabbilixxi l-istrateġija dwar l-aħjar prattiki biex jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari. Meta l-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru tippermetti għat-teħid tal-marki tas-swaba’ bil-forza bħala l-aħħar miżura, dawn il-miżuri jridu jirrispettaw bis-sħiħ il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu meqjusa persuni vulnerabbli u minuri ma għandhomx jiġu furzati jagħtu l-marki tas-swaba’ jew ix-xbiha tal-wiċċ, ħlief f’ċirkostanzi ġustifikati li huma permessi skont il-liġi nazzjonali.

⬇ 603/2013 premessa 21 (adattat)
⇨ ġdid

(31) In-numru ta’ hits li nkisbu mill-Eurodac għandhom jiġu vverifikati minn espert imħarreġ fil-marki tas-swaba’ sabiex tiġi żgurata d-determinazzjoni preċiża tar-responsabbiltà taħt ir-Regolament (UE) Nru ~~604/2013~~ ⇨ l-identifikazzjoni eżatta ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi jew apolidi ⇦ u l-identifikazzjoni eżatta tal-persuna kriminali suspettata jew il-vittma tar-reat li d-*data* tagħha tista’ tiġi maħżuna fil-Eurodac. ⇨ Hits miksuba mill-Eurodac bażati fuq ix-xbiha tal-wiċċ jinħtieġ li wkoll jiġu verifikati fejn hemm dubju li r-riżultat huwa relatat mal-istess persuna. ⇦

⬇ 603/2013 recital 22 (adattat)
⇨ ġdid

(32) Ċittadini ta’ pajjiż terz jew persuni apolidi li jkunu talbu protezzjoni internazzjonali f'wieħed mill-Istati Membri ~~jista' jkollhom l-għażla~~ ⇨ jistgħu jippruvaw ⇦ li jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor għal ħafna snin oħra. Għalhekk, il-perjodu massimu li matulu d-*data* dwar marki tas-swaba’ ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għandu jkun ta' tul kunsiderevoli. Billi ħafna

[37] COM(2015) 150 final, 27.5.2015

ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi li għexu fl-Unjoni għal bosta snin ikunu kisbu *status* definit jew anki kisbu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru wara dak il-perjodu, perjodu ta' 10 snin għandu jkun ikkunsidrat bħala perjodu raġonevoli għall-ħżin ta' *data* dwar marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ .

⇩ ġdid

(33) Fid-dawl tas-suċċess tal-prevenzjoni u l-monitorġġ ta' movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li ma għandhomx dritt joqogħdu fl-Unjoni, u biex jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-infurzar b'suċċess ta' ritorn effettiv u riammissjoni lejn pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2008/115/KE[38] u d-dritt tal-protezzjoni tad-*data* personali, perjodu ta' ħames snin għandu jiġi kkunsidrat bħala perjodu neċessarju għall-ħażna tad-*data* tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ.

🡻 603/2013 premessa 23
⇨ ġdid

(34) Il-perjodu taż-żamma għandu jkun iqsar f'ċerti sitwazzjonijiet speċjali fejn ma jkunx hemm bżonn li tinżamm *data* dwar marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ ⇨ u kull *data* personali oħra ⇦ għal dak it-tul ta' żmien. Id-*data* dwar marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ ⇨ u kull *data* personali oħra li tappartjeni għal ċittadini ta' persuni terzi ⇦ għandha titħassar immedjatament ladarba ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi jieħdu ċittadinanza ta' Stat Membru.

🡻 603/2013 premessa 24
⇨ ġdid

(35) Huwa xieraq li tinħażen *data* relatata ma' dawk is-suġġetti tad-*data* li l-marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ tagħhom ikunu ġew irreġistrati inizjalment fil-Eurodac hekk kif ġew iddepożitati l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali u li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru sabiex jippermettu li *data* rreġistrata hekk kif ġiet iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiġi mqabbla magħhom.

🡻 603/2013 premessa 25 (adattat)

(36) ~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ ġiet fdata bil-kompiti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw it-tmexxija operattiva tal-Eurodac taħt dan ir-Regolament u b'ċerti kompiti li jikkonċernaw l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni mid-data li fiha ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ assumiet ir-responsabbiltajiet tagħha fl-1 ta' Diċembru 2012. ~~L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti fdati lilha taħt dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 għandhom jiġu emendati skont dan.~~ Barra minn hekk, il-Europol għandu jkollu l-i*status* ta' osservatur fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija ~~tal-Aġenzija~~ ⌦ ta' eu-LISA ⌫meta fuq l-aġenda jkun hemm kwistjoni

---

[38] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98

li tikkonċerna l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament li jikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tal-Eurodac minn awtoritajiet maħtura ta’ Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta’ reati terroristiċi jew ta’ reati serji oħra. Il-Europol għandu jkun jista’ jaħtar rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac ⌦ ta’ eu-LISA ⌫ ~~tal-Aġenzija~~.

🡻 603/2013 premessa 26 (ġdid)

~~Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali) u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea ('Kondizzjonijiet tal-Impjieg'), stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tal-Kunsill[39] (flimkien imsejħa r-'Regolamenti tal-Persunal') għandhom japplikaw għall-persunal kollu li jaħdem fl-Aġenzija dwar kwistjonijiet relatati ma’ dan ir-Regolament.~~

🡻 603/2013 premessa 27 (adattat)

(37) Hemm bżonn li jkunu preskritti b'mod ċar ir-responsabilitajiet rispettivi tal-Kummissjoni u ⌦ eu-LISA ⌫ ~~tal-Aġenzija~~, f'dak li għandu x'jaqsam mas-Sistema Ċentrali u l-Infrastruttura ta’ Komuikazzjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data*, is-sigurtà tad-*data*, l-aċċess għaliha u l-korrezzjoni tad-*data* reġistrata.

🡻 603/2013 recital 28

(38) Huwa neċessarju li jinħatru awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif ukoll il-Punt ta' Aċċess Ċentrali Nazzjonali li permezz tiegħu jsiru t-talbiet għat-tqabbil mad-*data* tal-Eurodac u biex tinżamm lista ta' unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati li jitolbu tqabbil bħal dan għall-finijiet speċifiċi tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra.

🡻 603/2013 premessa 29

(39) It-talbiet għat-tqabbil mad-*data* maħżuna fis-Sistema Ċentrali għandha ssir mill-unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali~~,~~ permezz tal-awtorità tal-verifika u għandhom ikunu mmotivati. L-unitajiet operattivi fl-awtoritajiet maħtura li huma awtorizzati jitolbu tqabbil mad-*data* tal-Eurodac ma għandhomx jaġixxu bħala awtorità tal-verifika. L-awtoritajiet tal-verifika għandhom ikunu indipendenti mill-awtoritajiet maħtura u responsabbli biex jiżguraw, b’manjiera indipendenti, il-konformità stretta mal-kundizzjonijiet għal aċċess kif stabbilit f'dan ir-Regolament. L-awtoritajiet tal-verifika għandhom imbagħad jippreżentaw it-talba, mingħajr ma jgħaddu l-motivazzjonijiet għaliha, għal tqabbil permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali lis-Sistema Ċentrali wara verifika li l-kundizzjonijiet kollha għal aċċess ġew issodisfati. F'każijiet eċċezzjonali ta’ urġenza fejn ikun meħtieġ aċċess bikri bi tweġiba għal theddida speċifika u attwali li tikkonċerna reati terroristiċi jew

---

39 ~~OJ L 56, 4.3.1968, p. 1.~~

reati kriminali serji oħrajn, l-awtorità ta' verifika għandha tipproċessa t-talba immedjatament u tagħmel il-verifika biss wara.

🡻 603/2013 premessa 30

(40) L-awtorità maħtura u l-awtorità ta' verifika jistgħu jkunu parti mill-istess organizzazzjoni jekk dan ikun permess taħt il-liġi nazzjonali, iżda l-awtorità ta' verifika għandha taġixxi b'mod indipendenti meta taqdi l-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament.

🡻 603/2013 premessa 31

(41) Għall-finijiet ta' protezzjoni ta' *data* personali, u biex jiġi eskluż tqabbil sistematiku li għandu jiġi pprojbit, l-ipproċessar ta' *data* tal-Eurodac għandu jsir biss f'każijiet speċifiċi u meta jkun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti b'mod partikolari meta t-talba għat-tqabbil tkun relatata ma' sitwazzjoni speċifika u konkreta jew ma' periklu speċifiku u konkret assoċjat ma' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor, jew ma' persuni speċifiċi li fil-konfront tagħhom ikun hemm raġunijiet serji għaliex wieħed jemmen li dawn ikunu se jwettqu jew wettqu reati terroristiċi jew reati serji oħra. Każ speċifiku jeżisti wkoll meta t-talba għal tqabbil tkun relatata ma' persuna li tkun il-vittma ta' reat terroristiku jew ta' reat kriminali serju ieħor. Għaldaqstant, l-awtoritajiet maħtura u l-Europol għandhom jitolbu għal tqabbil mal-Eurodac meta jkollhom raġunijiet motivati biex jemmnu li tqabbil bħal dan ikun se jipprovdi informazzjoni li tgħinhom sostanzjalment fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor.

🡻 603/2013 premessa 32

(42) Barra minn hekk, l-aċċess għandu jkun permess biss bil-kundizzjoni li t-tqabbil mal-bażijiet tad-*data* nazzjonali tal-marki tas-swaba tal-Istat Membru u mas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri kollha oħra taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ~~tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali~~[40] ma jwassalx sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-*data*. Dik il-kundizzjoni titlob li l-Istat Membru li jagħmel it-talba jagħmel tqabbil mas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri l-oħra kollha taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li huma teknikament disponibbli, sakemm dak l-Istat Membru ma jkunx jista' jiġġustifika li jeżistu raġunijiet suffiċjenti li wieħed jemmen li dan ma jwassalx sabiex tiġi stabbiltà l-identità tas-suġġett tad-*data*. Tali raġunijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn il-każ speċifiku ma jippreżenta l-ebda rabta operattiva jew investigattiva ma' Stat Membru. Dik il-kondizzjoni titlob l-implimentazzjoni legali u teknika minn qabel tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI mill-Istat Membru rikjedenti fil-qasam tad-*data* dwar il-marki tas-swaba', billi ma għandux ikun

---

40 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ~~(~~ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1~~)~~.

permess li titmexxa verifika tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi fejn dawn il-passi ta’ hawn fuq ma jkunux ittieħdu l-ewwel.

🡻 603/2013 premessa 33

(43) Qabel ma jfittxu fil-Eurodac, l-awtoritajiet maħtura għandhom ukoll, sakemm il-kundizzjonijiet għal tali tqabbil ikunu ġew issodisfati, jikkonsultaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI ~~tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati serji oħra~~[41].

🡻 603/2013 premessa 34

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali d-*data* li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li ma jkunux mibgħuta lura:

(a) id-*data* dwar il-marki tas-swaba';

⇩ ġdid

(b) ix-xbiha tal-wiċċ;

(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem(ismijiet), l-isem(ismijiet) fit-twelid u l-ismijiet użati preċedentement u kull psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;

(d) iċ-ċittadinanza(i);

(e) il-post u d-data tat-twelid

🡇 603/2013

(~~b~~f) l-Istat Membru ta' oriġini, post u data tal-qbid;

(~~c~~g) sess;

⇩ ġdid

(h) it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u l-validità;

🡻 603/2013
⇨ ġdid

(~~d~~i) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(~~e~~j) id-data li fiha ttieħdu l-marki tas-swaba' ⇨ u / jew ix-xbiha tal-wiċċ ⇦ ;

(~~f~~k) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali;

(~~g~~l) il-user ID tal-operatur~~.~~;

⇩ ġdid

(m) fejn applikabbli skont l-Artikolu 6, id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;

🡻 603/2013
⇨ ġdid

3. B'deroga mill-paragrafu 2, id-*data* speċifikata fil-paragrafu 2 dwar persuni maqbuda kif deskritt fil-paragrafu 1 li jibqgħu fiżikament fit-territorju tal-Istati Membri iżda li jibqgħu f'kustodja, reklużjoni jew detenzjoni hekk kif jinqabdu għal perjodu li jeċċedi t-72 siegħa għandha tkun trażmessa qabel ma jinħelsu mill-kustodja, mir-reklużjoni jew mid-detenzjoni.

4. In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandux jeħles lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali. Fejn il-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura tqabbil xieraq taħt l-Artikolu ~~25~~ 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-persuni maqbudin kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ ta' persuna mwaqqfa minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu u jibagħtu dawn il-marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 2 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

⇩ ġdid

6. Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jiżgura li l-persuna konċernata li d-*data* tagħha ġiet reġistrata fil-Eurodac skont il-paragrafu (1) ħalliet it-territorju tal-Istat Membri f'konformità mad-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija, huwa għandu jaġġorna s-sett tad-*data* rreġistrata f'konformità mal-paragrafu (2) relatat mal-persuna konċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew meta ħalliet it-territorju.

7. Id-*data* tal-marki tas-swaba' tista' tittieħed u tiġi trażmessa mill-membri tat-Timijiet tal-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] meta jwettqu l-ħidmiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat skont [ir-Regolament dwar il-Gwardjani tal-Fruntiera Ewropej [u tal-Kosta] u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE].

🡻 603/2013 (adattat)

~~*Artikolu 15*~~

~~**Reġistrazzjoni ta' data**~~

~~1. Id-data msemmija fl-Artikolu 14(2) għandha tiġi rreġistrata fis-Sistema Ċentrali.~~

~~Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, id-data trażmessa lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 14(2) għandha tiġi reġistrata biss għall-finijiet ta' tqabbil ma' data dwar applikanti għall-protezzjoni internzzjonali trażmessa sussegwentement lis-Sistema Ċentrali u għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2).~~

~~Is-Sistema Ċentrali ma għandhiex tqabbel id-data trażmessa lilha taħt l-Artikolu 14(2) ma' kwalunkwe data rreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali, u lanqas ma' data trażmessa sussegwentement lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 14(2).~~

~~2. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tqabbil ta' data dwar applikanti għall-protezzjoni internazzjonali trażmessa sussegwentement lis-Sistema Ċentrali mad-data msemmija fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 9(3) u (5) u fl-Artikolu 25(4).~~

~~*Artikolu 16*~~

~~**Ħżin ta' data**~~

~~1. Kull sett ta' data li jkollu x'jaqsam ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(1), għandu jinħażen fis-Sistema Ċentrali għal 18-il xahar mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki ta' swaba' tagħhom. Malli jiskadi dak il-perjodu, is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tħassar tali data.~~

~~2. Id-data li jkollha x'taqsam ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) għandha titħassar mis-Sistema Ċentrali f'konformità mal-Artikolu 28(3) malli l-Istat Membru ta' oriġini jsir jaf b'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 18-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:~~

~~(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna apolida jkun ingħatalhom dokument ta' residenza;~~

~~(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jkunu telqu mit-territorju tal-Istati Membri;~~

~~(c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jkunu akkwistaw iċ-ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru.~~

~~3. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-iktar fis u sa mhux iktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar it-tħassir tad-data għar-raġuni speċifikata fil-paragrafu 2(a) jew (b) ta' dan l-Artikolu jew minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu trażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 14(1).~~

~~4. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-iktar fis u sa mhux iktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar it-tħassir tad-data għar-raġuni speċifikata fil-paragrafu 2(c) ta' dan l-Artikolu minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'data li jkunu trażmettew relatata ma' persuni msemmija fl-Artikolu 9(1) jew l-Artikolu 14(1).~~

KAPITOLU IV

ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI JEW PERSUNI APOLIDI LI JINSTABU JOQOGĦDU B'MOD ILLEGALI FI STAT MEMBRU

Artikolu ~~17~~ 14

Tqabbil ⌦ Ġbir u trażmissjoni ⌫ ta' *data* dwar marki tas-swaba' u ⌦ *data* tax-xbiha tal-wiċċ ⌫

~~1. Sabiex jiġi ċċekkjat jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jinstabu joqogħdu b'mod illegali fit-territorju tiegħu jkunux issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor, Stat Membru jista' jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali kull data dwar marki tas-swaba' li jkollha x'taqsam ma' marki tas-swaba' li l-Istat Membru seta' kien ħa ta' kwalunkwe ċittadin terz jew persuna apolida ta' mill-inqas 14-il sena flimkien man-numru ta' referenza użat minn dak l-Istat Membru.~~

~~Bħala regola ġenerali hemm bażi sabiex isiru kontrolli dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jkunux issottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor fejn:~~

~~(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jiddikjaraw li kienu ssottomettew applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iżda mingħajr ma jkunu indikaw l-Istat Membru li fih huma kienu ssottomettew l-applikazzjoni;~~

~~(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ma jitolbux protezzjoni internazzjonali iżda ma jaċċettawx li jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom billi jgħidu li huma jkunu fil-periklu, jew~~

~~(c) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jfittxu b'mod ieħor li ma jħallux li jitneħħew billi jirrifjutaw li jikkooperaw sabiex tiġi determinata l-identità tagħhom, b'mod partikolari billi ma jurux karti tal-identità jew juru karti tal-identità foloz.~~

~~2. Fejn Stati Membri jipparteċipaw fil-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, għandhom jittrażmettu lis-Sistema Ċentrali d-data dwar marki tas-swaba' li jkollha x'taqsam mas-swaba' kollha jew tal-inqas mas-swaba' werrejja, u, jekk dawk ikunu neqsin, il-marki tas-swaba' l-oħra kollha, ta' ċittadini ta' pajjiż terz jew persuni apolidi kif imsemmi fil-paragrafu 1.~~

⇩ ġdid

1. Kull Stat Membru għandu immedjatament jieħu l-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha u jieħu ritratt tax-xbiha tal-wiċċ ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ta' mill-anqas sitt snin li tinstab illegalment fit-territorju tiegħu.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara d-data tal-qbid, jittrażmetti lis-Sistema Ċentrali d-*data* li ġejja f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, kif imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) id-data dwar il-marki tas-swaba';

(b) ix-xbiha tal-wiċċ;

(c) il-kunjom(ijiet) u l-isem(ismijiet), l-isem(ismijiet) fit-twelid u l-ismijiet użati preċedentement u kull psewdonimu, li jistgħu jiddaħħlu separatament;

(d) iċ-ċittadinanza(i);

(e) il-post u d-data tat-twelid

(f) l-Istat Membru ta' oriġini, il-post u d-data tal-qbid;

(g) is-sess;

(h) it-tip u n-numru tal-identità jew dokument tal-ivvjaġġar; il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti u l-validità;

(i) in-numru ta' referenza użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

(j) id-data li fiha ttieħdu l-marki tas-swaba' u / jew ix-xbiha tal-wiċċ;

(k) id-data li fiha l-informazzjoni ġiet trażmessa lis-Sistema Ċentrali;

(l) il-user ID tal-operatur;

(m) fejn applikabbli skont l-Artikolu 6, id-data li fiha l-persuna kkonċernata ħalliet jew tkeċċiet mit-territorju tal-Istati Membri;

🡻 603/2013 (adattat)
⇨ ġdid

3. Id-*data* dwar il-marki tas-swaba' ta' ċittadin terz jew persuna apolida kif imfisser fil-paragrafu 1 għandha tiġi trażmessa lis-Sistema Ċentrali ~~għall-għan waħdieni ta' tqabbil~~ ⇨ u mqabbla ⇦ mad-*data* dwar marki tas-swaba' ta' ~~applikanti għall-protezzjoni internazzjonali~~ ⌦ persuni li ttieħdulhom il-marki tas-swaba' għall-fini tal-Artikolu ~~9~~ 10(1), ~~14~~ 13(1) u ~~17~~ 14(1) ⌫ trażmessa minn Stati Membri oħra u diġà rreġistrata fis-Sistema Ċentrali.

~~Id-data dwar il-marki tas-swaba' ta' tali ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ma għandhiex tkun irreġistrata fis-Sistema Ċentrali, u lanqas ma għandha tkun imqabbla ma' data trażmessa lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu 14(2).~~

⇩ ġdid

4. In-nuqqas ta' konformità mal-limitu tal-ħin ta' 72 siegħa msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma għandux jeħles lill-Istati Membri mill-obbligu li jieħdu u jitrażmettu l-marki tas-swaba' lis-Sistema Ċentrali. Meta l-kundizzjoni tat-truf tas-swaba' ma tippermettix li jittieħdu marki tas-swaba' ta' kwalità li tassigura tqabbil xieraq skont l-Artikolu 26, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jerġa' jieħu l-marki tas-swaba' tal-persuni maqbudin kif deskritt fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jibgħathom mill-ġdid mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jkunu ttieħdu b'suċċess.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn mhux possibbli li jittieħdu l-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ ta' persuna mwaqqfa minħabba miżuri li ttieħdu sabiex tiġi żgurata s-saħħa tal-applikant jew il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu u jibagħtu dawn il-marki u x-xbiha tal-wiċċ mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li dawn ir-raġunijiet ta' saħħa ma jibqgħux validi.

Fil-każ ta' problemi tekniċi serji, l-Istati Membri jistgħu jestendu ż-żmien ta' skadenza ta' 72 siegħa fil-paragrafu 2 b'massimu ta' 48 siegħa oħra sabiex iwettqu l-pjanijiet ta' kontinwità nazzjonali tagħhom.

6. Hekk kif l-Istat Membru tal-oriġini jiżgura li l-persuna konċernata li d-*data* tagħha ġiet reġistrata fil-Eurodac skont l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament ħalliet it-territorju tal-Istat Membri f'konformità mad-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija, huwa għandu jaġġorna s-sett tad-*data* rrekordjata f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu relatata mal-persuna konċernata billi jżid id-data tat-tkeċċija tagħha jew meta ħalliet it-territorju.

➔ 603/2013 (adattat) ⇨ ġdid

~~4. Ladarba r-riżultati tat-tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba'jkunu ġew trażmessi lill-Istat Membru ta' oriġini, ir-reġistrazzjoni tat-tfittxija għandha tinżamm mis-Sistema Ċentrali għall-finijiet tal-Artikolu 28 biss. Ħlief għal dawk l-iskopijiet, l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali ma jistgħu jaħżnu ebda reġistrazzjoni oħra tat-tfittxija.~~

~~5. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tqabbil ta' data dwar marki tas-swaba' trażmessa taħt dan l-Artikolu mad-data dwar marki tas-swaba' ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali trażmessa minn Stati Membri oħra li ġew diġà maħżuna fis-Sistema Ċentrali, għandhom japplikaw il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 9(3) u (5) u fl-Artikolu 25(4).~~

KAPITOLU V

⌦PROĊEDURA GĦALL-PARAGUN TA' *DATA* GĦAL APPLIKANTI GĦALL-PROTEZZJONI NAZZJONALI U ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI LI JINQABDU JAQSMU L-FRUNTIERIA B'MOD IRREGOLALARI JEW LI JKUNU QED JIRRESJIEDU ILLEGALMENT FIT-TERRITORJU TAL-ISTAT MEMBRU ⌫

Article 15

⌦Tqabbil ta' *data* tal-marki tas-swaba' u x-xbiha tal-wiċċ ⌫

~~3~~1. Id-*data* dwar il-marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ ~~fis-sens tal-Artikolu 11(a)~~ trażmessa minn kwalunkwe Stat Membru, bl-eċċezzjoni ta' dik trażmessa skont l-Artikolu ~~10~~ 11(b) ⇨ u (c) ⇦ għandha tkun imqabbla awtomatikament mad-*data* dwar marki tas-swaba' trażmessa minn Stati Membri oħra u diġà maħżuna fis-Sistema Ċentrali ⌦ skont l-Artikolu ~~9~~ 10(1), ~~14~~ 13(1) u ~~17~~ 14(1) ⌫

~~4~~2. Is-Sistema Ċentrali għandha tiżgura, bit-talba ta' Stat Membru, li t-tqabbil imsemmi fil-paragrafu ~~3~~ 1 ⌦ ta' dan l-Artikolu ⌫ jkopri l-informazzjoni dwar marki tas-swaba' ⇨ u xbiha tal-wiċċ ⇦ trażmessa qabel minn dak l-Istat Membru, b'żieda għad-*data* ⌦ tal-marki tas-swaba' ⌫ ⇨ u taxbiha tal-wiċċ ⇦ minn Stati Membri oħra.

~~5~~3. Is-Sistema Ċentrali għandha tittrażmetti awtomatikament il-hit jew ir-riżultat negattiv tat-tqabbil lill-Istat Membru ta' oriġini ⇨ wara proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 26(4). ⇦ Fejn ikun hemm hit, għandha tittrażmetti għal kull sett ta' *data* li jikkorrispondi għall-hit, id-data msemmija fl-Artikolu ~~11(a) to (k)~~ ⇨ 12, 13(2) u 14(2) ⇦ flimkien ma', fejn ikun xieraq, il-marka msemmija fl-Artikolu ~~18~~ 19(1) ⇨ u (4) ⇦. ⇨Fejn tasal lura hit negattiva, id-*data* msemmija fl-Artikolu 12, 13(2) u 14(2) ma għandhiex tiġi trażmessa. ⇦

⇩ ġdid

4. Meta tasal evidenza ta' hit fi Stat Membru mill-Eurodac li tista' tassisti lill-Istat Membru jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 1(1)(a), din l-evidenza għandha tieħu preċedenza fuq kull hit oħra li tasal.

⇩ ġdid

Artikolu 16

Tqabbil tad-*data* tax-xbiha tal-wiċċ

(2) Meta l-kundizzjoni tal-marki tas-swaba’ ma tippermettix għat-teħid tal-marki tas-swaba’ ta’ kwalità suffiċjenti li tippermetti paragun xieraq skont l-Artikolu 26 jew fejn persuna msemmija skont l-Artikolu 10(1), 13(1) u 14(1) tirrifjuta li tikkonforma mal-proċess tat-teħid tal-marki tas-swaba', Stat Membru jista' jwettaq tqabbil tax-xbiha tal-wiċċ bħala l-aħħar alternattiva.

(3) Id-*data* tax-xbiha tal-wiċċ u d-*data* relatata mas-sess tas-suġġett tad-*data* tista' titqabbel awtomatikament mad-*data* tax-xbiha tal-wiċċ u *data* personali relatata mas-sess tas-suġġett tad-*data* trażmessa minn Stati Membri oħra u diġà maħżuna fis-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 10(1), 13(1) u 14(1) bl-eċċezzjoni ta’ dawk trażmessi skont l-Artikolu 11(b) u (c).

(4) Is-Sistema Ċentrali għandha tiżgura, bit-talba ta' Stat Membru, li t-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jkopri d-data dwar ix-xbiha tal-wiċċ trażmessa qabel minn dak l-Istat Membru, b'żieda għad-*data* tax-xbiha tal-wiċċ minn Stati Membri oħra.

(5) Is-Sistema Ċentrali għandha tittrażmetti awtomatikament il-hit jew ir-riżultat negattiv tat-tqabbil lill-Istat Membru ta' oriġini wara proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 26(4). Meta jkun hemm hit, għandha tittrażmetti għal kull sett ta' *data* li jikkorrispondi għall-hit, id-*data* msemmija fl-Artikolu 12, 13(2) u 14(2) flimkien ma’, fejn ikun xieraq, il-marka msemmija fl-Artikolu 17(1) u (4). Meta tasal lura hit negattiva, id-*data* msemmija fl-Artikolu 12, 13(2) u 14(2) ma għandhiex tiġi trażmessa.

(6) Meta tasal evidenza ta' hit fi Stat Membru mill-Eurodac li tista' tassisti lill-Istat Membru jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 1(1)(a), din l-evidenza għandha tieħu preċedenza fuq kull hit oħra li tasal.

⬇ 603/2013 (adattat)
⇨ ġdid

KAPITOLU ~~V~~ VI

~~BENEFIĊJARJI TA' PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI~~ ⌦ ĦAŻNA TA' *DATA*, TĦASSIR AVVANZAT TA' *DATA* U MMARKAR TA' *DATA* ⌫

Artikolu ~~12~~ 17

Ħażna ta' *data*

1. ⌦Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(1), ⌫ ~~K~~kull sett ta' *data* ⌦ relatata ma' applikant għall-protezzjoni internazzjonali ⌫ kif imsemmi fl-Artikolu ~~11~~ 12, għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali għal 10 snin mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki tas-swaba'.

⇩ ġdid

2. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1), kull sett ta' *data* relatata ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali għal ħames snin mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki tas-swaba'.

3. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 14(1), kull sett ta' *data* relatata ma' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida kif imsemmi fl-Artikolu 14(2), għandu jinżamm fis-Sistema Ċentrali għal ħames snin mid-data li fiha jkunu ttieħdu l-marki tas-swaba'.

⬇ 603/2013 (adattat)
⇨ ġdid

~~2~~4. Malli ~~jiskadi l-perjodu~~ ⌦ jiskadu l-perjodi ta' ħażna ta' *data* ⌫ msemmi~~ja~~ fil-paragrafu 1 ⇨ sa 3 ⇦ ⌦ ta' dan l-Artikolu ⌫, is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tħassar id-*data* ⌦ tas-suġġetti tad-*data* ⌫ mis-Sistema Ċentrali.

Artikolu ~~13~~ 18

Tħassir ta' *data* ~~antiċipata~~ ⌦ avvanzata ⌫

1. *Data* li għandha x'taqsam ma' persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu ~~12~~17(1) ⇨ , (2) jew (3) ⇦ għandha tiġi mħassra mis-Sistema Ċentrali, taħt l-Artikolu ~~27~~ 28(4), malli l-Istat Membru ta' oriġini jinduna li dik il-persuna konċernata tkun kisbet tali ċittadinanza.

2. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar it-tħassir tad-*data* taħt il-paragrafu 1 minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'*data* li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu ~~9~~ 10(1)~~,~~ ~~jew~~ ~~14~~ 13(1) ⇨ jew 14(1) ⇦ .

Artikolu ~~18~~ 19

Immarkar ta' *data*

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta protezzjoni internazzjonali lil applikant għall-protezzjoni internazzjonali li d-*data* dwaru kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikolu ~~11~~ 12 għandu jimmarka d-*data* rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita ⌦ minn eu-LISA ⌫ ~~mill-Aġenzija~~. Dik il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu ~~12~~ 17(1) għall-finijiet tat-trażmissjoni taħt l-Artikolu ~~9(5)~~ ⇨ 15 ⇦ . Is-Sistema Ċentrali għandha, ⇨ mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, ⇦ tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-*data* minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'*data* li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu ~~9~~ 10(1), ~~jew~~ ~~14~~ 13(1) ⇨ jew 14(1) ⇦. Dawk l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-*data* korrispondenti.

2. Id-*data* dwar benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u mmarkata taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha ssir disponibbli għat-tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1~~(2)~~(1)(c) għal perjodu ta' tliet snin wara d-data li fiha s-suġġett tad-*data* ngħata protezzjoni internazzjonali.

Fejn ikun hemm hit, is-sistema Ċentrali għandha tittrażmetti d-*data* msemmija fl-Artikolu ~~11~~ 12~~(a) sa (k)~~ ⇨ minn (b) sa (s) ⇦ għas-settijiet tad-*data* kollha korrispondenti għall-hit. Is-Sistema Ċentrali ma għandhiex tittrażmetti l-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Malli jiskadi l-perjodu ta' tliet snin, is-Sistema Ċentrali għandha awtomatikament tibblokka tali *data* milli tiġi trażmessa fil-każ ta' talba għal tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1~~(2)~~ (1)(c), filwaqt li tħalli dik id-*data* disponibbli għat-tqabbil għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) sal-punt ta' tħassir. *Data* mblukkata ma għandhiex tiġi trażmessa, u s-Sistema Ċentrali għandha tagħti riżultat negattiv lill-Istat Membru rikjedenti fil-każ ta' hit.

3. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jneħħi l-marka fuq *data* jew jiżblokka *data* li tikkonċerna ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li d-*data* tagħhom kienet ġiet preċedentement immarkata jew żblukkata taħt il-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jekk l-i*status* tagħhom ġie revokat jew intemm jew it-tiġdid tal-i*status* tagħhom ġie rifjutat taħt [l-Artikolu 14 jew 19 tad-Direttiva 2011/95/UE].

⇩ ġdid

4. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(b), l-Istat Membru ta' oriġini li jkun ta dokument ta' residenza lil ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li allegatament tkun fuq permanenza illegali li d-*data* dwarha kienet irreġistrata qabel fis-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 13(2) u 14(2) għandu jimmarka d-*data* rilevanti f'konformità mar-rekwiżiti għall-komunikazzjoni elettronika mas-Sistema Ċentrali stabbilita minn eu-LISA. Din il-marka għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali konformement mal-Artikolu 17(2) u (3) għall-finijiet tat-trażmissjoni skont l-Artikolu 15 u 16. Is-Sistema Ċentrali għandha, mill-aktar fis u mhux aktar tard minn 72 siegħa wara, tinforma lill-Istati Membri ta' oriġini kollha dwar l-immarkar tad-*data* minn Stat Membru ta' oriġini ieħor li jkun kiseb hit b'*data* li jkunu ttrażmettew relatata mal-persuni msemmija fl-Artikolu 13(1) jew l-Artikolu 14(1). Dawn l-Istati Membri ta' oriġini għandhom jimmarkaw ukoll is-settijiet tad-*data* korrispondenti.

5. Id-*data* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi fuq permanenza illegali maħżuna fis-Sistema Ċentrali u mmarkata skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tkun

disponibbli għall-paragun għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(c) sakemm tali *data* titħassar awtomatikament mis-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 17(4).

↓ 603/2013 (adattat) ⇨ ġdid

KAPITOLU ~~VI~~ VII

PROĊEDURA GĦAT-TQABBIL U T-TRAŻMISSJONI TAD-DATA GĦALL-FINIJIET TAL-INFURZAR TAL-LIĠI

Artikolu ~~19~~ 20

Proċedura għat-tqabbil ta' *data* dwar marki tas-swaba' ma' *data* tal-Eurodac

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1~~(2)~~(1)(c), l-awtoritajiet maħtura msemmija fl-Artikoli ~~5~~ 6(1) u ~~7~~ 8(2) jistgħu jippreżentaw talba elettronika motivata kif huwa previst fl-Artikolu ~~20~~ 21(1) flimkien man-numru ta' referenza użat minnhom, lill-awtorità ta' verifika għat-trażmissjoni għat-tqabbil tad-*data* dwar marki tas-swaba' u ⇨ x-xbiha tal-wiċċ ⇦ lis-Sistema Ċentrali permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali. Wara li tirċievi talba bħal din, l-awtorità ta' verifika għandha tivverifika jekk il-kundizzjonijiet għat-talba għal tqabbil imsemmi fl-Artikolu ~~20~~ 21 jew ~~21~~ 22, kif xieraq, ikunux issodisfati.

2. Fejn il-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikoli ~~20~~ 21 or ~~21~~ 22 għat-talba għal tqabbil ikunu sodisfati, l-awtorità ta' verifika għandha tittrażmetti t-talba għal tqabbil lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali li jipproċessaha għas-Sistema Ċentrali skont l-Artikoli ~~9(3) and (5)~~ ⇨ 15 u 16 ⇦ għall-finijiet ta' tqabbil mad-*data* ⌦ tal-marki tas-swaba' ⌫ ⇨ u xbiha tal-wiċċ ⇦ trażmessa lis-Sistema Ċentrali taħt l-Artikoli ~~9~~ 10(1)~~,~~ ~~u~~ ~~14~~ 13~~(2)~~ ⇨ (1) u 14(1) ⇦.

⇩ ġdid

3. Paragun ta' xbiha tal-wiċċ ma' *data* oħra tax-xbiha tal-wiċċ fis-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu 1(1)(c) jista' jsir skont l-Artikolu 16(1), jekk tali *data* tkun disponibbli fil-ħin meta ssir it-talba elettronika raġunata skont l-Artikolu 21(1).

↓ 603/2013 (adattat) ⇨ ġdid

~~3~~4. F'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza fejn ikun hemm il-ħtieġa li jiġi pprevenut riskju imminenti assoċjat ma' reat terroristiku jew ma' reat serju ieħor, l-awtorità ta' verifika tista' tittrażmetti d-*data* dwar il-marki tas-swaba' lill-Punt ta' Aċċess Nazzjonali għal tqabbil immedjatament kif tirċievi t-talba mill-awtorità maħtura u tivverifika *ex post* jekk il-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikoli ~~20~~ 21 jew fl-Artikoli ~~21~~ 22 ikunux issodisfati, inkluż jekk każ eċċezzjonali ta' urġenza kienx jeżisti fir-realtà. Il-verifika *ex post* għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara l-ipproċessar tat-talba.

~~4~~5. Fejn verifika *ex post* tiddetermina li l-aċċess għal *data* tal-Eurodac ma kienx ġustifikat, l-awtoritajiet kollha li jkunu aċċedew għal tali *data* għandhom iħassru l-informazzjoni kkomunikata mill-Eurodac u għandhom jinfurmaw lill-awtorità ta' verifika b'tali tħassir.

Artikolu ~~20~~ 21

Kundizzjonijiet tal-aċċess għall-Eurodac mill-awtoritajiet maħtura

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1~~(2)~~(1)(c), l-awtoritajiet maħtura jistgħu jissottomettu talba elettronika motivata għat-tqabbil tad-*data* dwar marki tas-swaba' mad-*data* maħżuna fis-Sistema Ċentrali fl-ambitu tas-setgħat tagħhom biss jekk it-tqabbil mal-bażijiet tad-*data* li ġejjin ma jwasslux sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-*data*:

– id-*data* nazzjonali tal-marki tas-swaba';

– is-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati Membri l-oħra kollha taħt id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI fejn tqabbil huwa teknikament disponibbli, sakemm ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li t-tqabbil ma' tali sistemi ma jwassalx sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-*data*. Tali raġunijiet raġonevoli għandhom jiġu inklużi fit-talba elettronika motivata għal tqabbil mad-*data* tal-Eurodac mibgħuta mill-awtorità maħtura lill-awtorità ta' verifika; u

– is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża sakemm il-kundizzjonijiet għal tali tqabbil stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI ikunu ġew issodisfati;

u fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) it-tqabbil ikun meħtieġ għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra, li jfisser li jkun jeżisti tħassib prevalenti ta' sigurtà pubblika li jirrendi proporzjonat it-tiftix fil-bażi tad-*data*;

(b) it-tqabbil ikun meħtieġ f'każ speċifiku (jiġifieri tqabbil sistematiku ma jitwettaqx); u

(c) ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jikkunsidra li t-tqabbil jikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' kwalunkwe mir-reati kriminali kkonċernati. Tali motivazzjonijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn ikun hemm suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor jaqgħu fil-kategorija koperta b'dan ir-Regolament.

2. It-talbiet għal tqabbil mad-*data* tal-Eurodac għandhom ikunu limitati għal tiftix bid-*data* tal-marki tas-swaba' ⇨ jew tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ .

Artikolu ~~21~~ 22

Kundizzjonijiet għall-aċċess għal *data* tal-Eurodac mill-Europol

1. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1~~(2)~~(1)(c), l-awtorità maħtura tal-Europol tista' tippreżenta talba elettronika motivata għat-tqabbil ta' *data* dwar marki tas-swaba' mad-*data* maħżuna fis-Sistema Ċentrali fil-limiti tal-mandat tal-Europol u fejn hu meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-Europol biss jekk it-tqabbil ma' *data* dwar marki tas-swaba' maħżuna fi kwalunkwe sistema ta' pproċessar ta' informazzjoni li tkun teknikament u legalment aċċessibbli mill-Europol ma jkunx wassal sabiex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-*data* u fejn jintlaħqu l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) it-tqabbil huwa neċessarju biex tiġi appoġġata u msaħħa azzjoni mill-Istati Membri fil-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati serji oħra li jaqgħu fil-mandat tal-Europol, li jfisser li jkun jeżisti tħassib prevalenti ta' sigurtà pubblika li jirrendi it-tiftix fil-bażi tad-*data* xi ħaġa proporzjonata;

(b) it-tqabbil ikun meħtieġ f'każ speċifiku (jiġifieri tqabbil sistematiku ma jitwettaqx); u

(c) ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jikkunsidra li t-tqabbil jikkontribwixxi sostanzjalment għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' kwalunkwe mir-reati kriminali kkonċernati. Tali motivazzjonijiet raġonevoli jeżistu b'mod partikolari fejn ikun hemm suspett sostanzjat li l-persuna suspettata, l-awtur jew il-vittma ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju ieħor jaqgħu fil-kategorija koperta b'dan ir-Regolament.

2. It-talbiet għal tqabbil mad-*data* tal-Eurodac għandhom ikunu limitati għal paragun ta' *data* tal-marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ .

3. L-ipproċessar tal-informazzjoni miksub mill-Europol mit-tqabbil mad-*data* tal-Eurodac għandu jkun suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tinkiseb permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu ~~22~~ 23

Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet maħtura, l-awtoritajiet ta' verifika u l-Punti ta' Aċċess Nazzjonali

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu ~~26~~ 27, kull komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet maħtura, l-awtoritajiet tal-verifika u l-Punti ta' Aċċess Nazzjonali għandhom ikunu sikuri u jsiru elettronikament.

2. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1~~(2)~~(1)(c), il-marki tas-swaba' għandhom jiġu pproċessati diġitalment mill-Istati Membri u jiġu trażmessi fil-format ta' *data* ~~msemmi~~ ⌦ stabbilit ⌫ ⇨ fid-Dokument ta' Kontroll tal-Interface li dwar kien sar qbil ⇦ ~~fl-Anness I~~, sabiex jiġi żgurat li t-tqabbil ikun jista' jseħħ permezz ta' sistema kompjuterizzata ta' għarfien tal-marki tas-swaba'.

KAPITOLU ~~VII~~ VIII

IPPROĊESSAR TA' DATA, PROTEZZJONI TA' DATA U RESPONSABBILTÀ DWAR DATA

Artikolu ~~23~~ 24

Responsabbiltà għall-ipproċessar ta' ***data***

1. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li:

(a) il-marki tas-swaba' ⇨ u x-xbiha tal-wiċċ ⇦ jittieħdu b'mod legali;

(b) id-*data* dwar il-marki tas-swaba' u *data* oħra msemmija fl-Artikolu ~~11~~ 12, l-Artikolu ~~14~~ 13(2) u Artikolu ~~17~~ 14(2) tkun trażmessa b'mod legali lis-Sistema Ċentrali;

(c) id-*data* tkun preċiża u aġġornata meta tkun trażmessa lis-Sistema Ċentrali;

(d) mingħajr preġudizzju għar-responsabilitajiet ⌦ta' eu-LISA ⌫ ~~tal-Aġenzija~~, id-*data* fis-Sistema Ċentrali tkun irreġistrata, maħżuna, korretta u mħassra b'mod legali;

(e) ir-riżultati ta' tqabbil ta' *data* dwar marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ trażmessi mis-Sistema Ċentrali jiġu pproċessati b'mod legali.

2. F'konformità mal-Artikolu ~~34~~ 36, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jiżgura s-sigurtà tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 qabel u matul it-trażmissjoni lis-Sistema Ċentrali kif ukoll is-sigurtà tad-*data* li jirċievi mis-Sistema Ċentrali.

3. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jkun responsabbli għall-identifikazzjoni finali tad-*data* taħt l-Artikolu ~~25~~ 26(4).

4. ~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tiżgura li s-Sistema Ċentrali tkun operata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha:

(a) tadotta miżuri li jiżguraw li persuni li jaħdmu mas-Sistema Ċentrali jipproċessaw id-*data* rreġistrata hemmhekk biss b'mod konformi mal-għanijiet tal-Eurodac kif stabbiliti fl-Artikolu 1;

(b) tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura s-sigurtà tas-Sistema Ċentrali skont l-Artikolu ~~34~~ 36;

(c) tiżgura li persuni awtorizzati li jaħdmu mas-Sistema Ċentrali biss ikollhom aċċess għaliha, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif ukoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* bil-miżuri li tieħu konformement mal-ewwel subparagrafu.

Artikolu ~~24~~ 25

Trażmissjoni

1. Il-marki tas-swaba' għandhom ikunu proċessati diġitalment u trażmessi fil-format tad-*data* ~~msemmi~~ ⌦ kif stabbilit ⌫ ⇨ fid-Dokument ta' Kontroll tal-Interface li dwaru kien intlaħaq qbil ⇦ ~~fl-Anness I~~. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-ħtiġijiet tekniċi għat-trażmissjoni tal-format tad-*data* mill-Istati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċi versa. ~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tiżgura li d-*data* tal-marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ trażmessa mill-Istati Membri tista' titqabbel mis-sistema kompjuterizzata tal-għarfien tal-marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu elettronikament id-*data* msemmija fl-Artikolu ~~11~~ 12, l-Artikolu ~~14~~ 13(2) u Artikolu ~~17~~ 14(2). Id-*data* msemmija fl-Artikolu ~~11~~ 12, ~~u~~ l-Artikolu ~~14~~ 13(2) u ⇨ l-Artikolu 14(2) ⇦ għandha tiġi rreġistrata awtomatikament fis-Sistema Ċentrali. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫għandha tistabbilixxi l-ħtiġijiet tekniċi biex tiżgura li d-*data* tista' tiġi trażmessa elettronikament mill-Istati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċe versa.

3. In-numru ta' referenza msemmi fl-Artikoli ~~11(d)~~ 12(i), ~~14(2)(d)~~ 13(2)(i), ~~17~~ 14~~(1)~~ ⇨ (2)(i) ⇦ u ~~19~~ 20(1) għandu jagħmilha possibbli li d-*data* tkun relatata mingħajr ambigwità ma' persuna waħda partikolari u mal-Istat Membru li qed jittrażmetti d-*data*. Minbarra dan, għandu jagħmilha possibbli li jkun magħruf jekk din id-*data* għandhiex x'taqsam ma' persuna msemmija fl-Artikolu ~~9~~ 10(1), ~~14~~ 13(1) jew ~~17~~ 14(1).

4. In-numru ta' referenza għandu jibda b'ittra jew ittri ta' identifikazzjoni li bihom, ~~skont in-norma msemmija fl-Anness I~~, jiġi identifikat l-Istat Membru li jittrażmetti d-*data*. L-ittra jew ittri ta' identifikazzjoni għandhom ikunu segwiti bl-identifikazzjoni tal-kategorija tal-persuna jew tat-talba. "1" tirriferi għal *data* rigward persuni msemmija fl-Artikolu ~~9~~ 10(1), "2" għall-persuni msemmija fl-Artikolu ~~14~~ 13(1), "3" għall-persuni msemmija fl-Artikolu ~~17~~ 14(1), "4" għal talbiet imsemmija fl-Artikolu ~~20~~ 21, "5" għal talbiet imsemmija fl-Artikolu ~~21~~ 22 u "9" għal talbiet imsemmija fl-Artikolu ~~29~~ 30.

5. ~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tistabbilixxi l-proċeduri tekniċi meħtieġa għall-Istati Membri biex jiġi żgurat li s-Sistema Ċentrali tkun irċeviet *data* mingħajr ambigwità.

6. Is-Sistema Ċentrali għandha tikkonferma kemm jista' jkun malajr li tkun irċeviet id-*data* trażmessa. Għal dak l-iskop ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tistabbilixxi l-ħtiġijiet tekniċi meħtieġa biex tiżgura li l-Istati Membri jirċievu konferma li d-*data* tkun ġiet irċevuta, jekk mitluba.

Artikolu ~~25~~ 26

Tqabbil u trażmissjoni ta' riżultati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trażmissjoni ta' *data* tal-marki tas-swaba' tkun ta' kwalità xierqa għall-iskopijiet ta' tqabbil permezz ta' sistema kompjuterizzata ta' għarfien tal-marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ . Sa fejn ikun meħtieġ biex ikun żgurat li r-riżultati tat-tqabbil mis-Sistema Ċentrali jilħqu livell għoli ħafna ta' preċiżjoni, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tiddefinixxi l-kwalità xierqa ta' *data* tal-marki tas-swaba' trażmessa. Is-Sistema Ċentrali għandha, kemm jista' jkun malajr, tivverifika l-kwalità tad-*data* tal-marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ trażmessa. Jekk id-*data* tal-marki tas-swaba' ⇨ jew tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ ma tistax titqabbel bl-użu ta' sistema kompjuterizzata ta' għarfien tal-marki tas-swaba' ⇨ u tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ , is-Sistema Ċentrali għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat. Dak l-Istat Membru għandu konsegwentement jittrażmetti d-*data* tal-marki tas-swaba' ⇨ jew tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ ta' kwalità xierqa billi juża l-istess numru ta' referenza tas-sett preċedenti ta' *data* ta' marki tas-swaba' ⇨ jew tax-xbiha tal-wiċċ ⇦.

2. Is-Sistema Ċentrali għandha tagħmel it-tqabbil fl-ordni ta' kif jaslu t-talbiet. Kull talba għandha tinħadem f'24 siegħa. Stat Membru jista' għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-liġi nazzjonali jeħtieġ tqabbil partikolarment urġenti biex isir f'siegħa. Meta dawn il-limiti ta' ħin ma jistgħux ikunu rispettati minħabba ċirkostanzi li huma 'l barra mir-responsabbiltà ~~tal-Aġenzija~~ ⌦ ta' eu-LISA ⌫, is-Sistema Ċentrali għandha tipproċessa t-talba bħala kwistjoni ta' prijorità hekk kif dawk iċ-ċirkostanzi ma jibqgħux aktar fis-seħħ. F'dawn il-każijiet, sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tistabbilixxi kriterji biex ikun żgurat li t-talbiet jiġu trattati skont il-prijorità.

3. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tistabbilixxi l-proċeduri operattivi għall-ipproċessar tad-*data* riċevuta u għat-trażmissjoni tar-riżultat tat-tqabbil.

4. Ir-riżultati tat-tqabbil ⌦ tad-*data* tal-marki tas-swaba' mwettqa skont l-Artikolu 15 ⌫ għandhom jiġu minnufih iċċekkjati fl-Istat Membru li jirċevihom minn espert tal-marki tas-swaba' kif definit f'konformità mar-regoli nazzjonali, imħarreġ speċifikament fit-tipi differenti ta' tqabbil ta' marki tas-swaba' stipulati f'dan ir-Regolament. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) and (b) ta' dan ir-Regolament, għandha ssir identifikazzjoni finali mill-Istat Membru ta' oriġini b'kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati~~, taħt l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013~~.

⇩ ġdid

5. Ir-riżultat tat-tqabbil tad-*data* tax-xbiha tal-wiċċ imwettaq skont l-Artikolu 16 għandu jiġi ċċekkjat u verifikat immedjatament fl-Istat Membru riċeventi. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament, għandha ssir identifikazzjoni finali mill-Istat Membru ta' oriġini b'kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati.

🡻 603/2013 (adattat)
⇨ ġdid

Informazzjoni li tiġi rċevuta mis-Sistema Ċentrali li jkollha x'taqsam ma' *data* oħra li tinstab li ma tkunx affidabbli għandha tiġi mħassra malli tiġi stabbilita l-inaffidabbiltà tad-*data*.

~~5~~6. Fejn l-identifikazzjoni finali skont il-paragrafu 4 turi li r-riżultat tat-tqabbil irċevut mis-Sistema Ċentrali ma jikkorrispondix mad-*data* tal-marki tas-swaba' ⇨ jew tax-xbiha tal-wiċċ ⇦ għat-tqabbil, l-Istati Membri għandhom immedjatament iħassru r-riżultat tat-tqabbil u jikkomunikaw dan il-fatt mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard minn tliet ġranet ta' xogħol ~~lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija~~ lil ⌦ eu-LISA ⌫ ⇨ u jinfurmawhoom bin-numru ta' referenza tal-Istat Membru tal-oriġini u n-numru ta' referenza tal-Istat Membru li jirċievi r-riżultat. ⇦

Artikolu ~~26~~ 27

Komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u s-Sistema Ċentrali

Data trażmessa mill-Istati Membri lis-Sistema Ċentrali u viċe versa għandha tuża l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Eurodac. Sa fejn ikun meħtieġ għall-operazzjoni effiċjenti tas-Sistema Ċentrali, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tistabbilixxi l-proċeduri tekniċi meħtieġa għall-użu tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni.

Artikolu ~~27~~ 28

Aċċess għal *data* rreġistrata fil-Eurodac u l-korrezzjoni u t-tħassir tagħha

1. L-Istat Membru ta' oriġini għandu jkollu aċċess għal *data* li hu jkun ittrażmetta u li tkun irreġistrata fis-Sistema Ċentrali skont dan ir-Regolament.

L-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel tfittxija fid-*data* trażmessa minn Stat Membru ieħor, lanqas ma jista' jirċievi dik id-*data* apparti minn *data* li tirriżulta mit-tqabbil imsemmi fl-Artikolu ~~9(5)~~ ⇨ 15 u 16 ⇦ .

2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri li, bis-saħħa tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikollhom aċċess għal *data* rreġistrata fis-Sistema Ċentrali għandhom ikunu dawk maħtura minn kull Stat Membru għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1)(a) u (b). Din il-ħatra għandha tispeċifika l-unità proprja responsabbli mit-twettiq tal-kompiti relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lista ta' dawk l-unitajiet u kwalunkwe emenda għaliha lill-Kummissjoni u ~~lill-Aġenzija~~ ⌦ lil eu-LISA ⌫ mingħajr dewmien. ~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tippubblika l-lista kkonsolidata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fejn ikun hemm emendi, ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha tippubblika online lista kkonsolidata aġġornata darba fis-sena.

3. L-Istat Membru ta' oriġini biss għandu jkollu d-dritt li jemenda d-*data* li jkun ittrażmetta lis-Sistema Ċentrali billi jikkorreġi jew iżid ma' dik id-*data*, jew iħassarha kollha, mingħajr preġudizzju għat-tħassir li jsir taħt l-Artikolu ⇨ 18 ⇦ ~~12(2) jew 16(1)~~.

4. Jekk Stat Membru jew ~~l-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ jkollhom evidenza li tissuġġerixxi li *data* rreġistrata fis-Sistema Ċentrali tkun mhux eżatta, għandhom ⇨ mingħajr preġudizzju għall-avviż ta' ksur tad-*data* personali slont l-Artikolu [33..] tar-Regolament (UE) Nru […/2016], ⇦ javżaw lill-Istat Membru ta' oriġini kemm jista' jkun malajr.

Jekk Stat Membru jkollu evidenza li tissuġġerixxi li tkun ġiet irreġistrata *data* fis-Sistema Ċentrali bi ksur ta' dan ir-Regolament, għandu javża ~~lill-Aġenzija~~ ⌦ lil eu-LISA ⌫, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru ta' oriġini kemm jista' jkun malajr. L-Istat Membru tal-oriġini għandu jiċċekkja d-*data* kkonċernata u, jekk ikun hemm bżonn, jemendaha jew iħassarha mingħajr dewmien.

5. ~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ ma għandhiex tittrasferixxi jew tagħmel disponibbli lill-awtoritajiet ta' ebda pajjiż terz *data* rreġistrata fis-Sistema Ċentrali. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għal trasferimenti ta' tali *data* lil pajjiżi terzi li għalihom japplika r-Regolament (UE) Nru […/…] ~~604/2013~~.

Artikolu ~~28~~ 29

Żamma tar-reġistri

1. ~~L-Aġenzija~~ ⌦ eu-LISA ⌫ għandha żżomm reġistrazzjonijiet ta' kull operazzjoni ta' pproċessar ta' data fis-Sistema Ċentrali. Dawn ir-reġistrazzjonijiet għandhom juru l-għan, id-data u l-ħin tal-aċċess, id-*data* trażmessa, id-*data* użata għal interrogazzjoni u l-isem kemm tal-unità li ddaħħal jew li tikseb id-*data* u l-persuni responsabbli.

2. Ir-reġistrazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jintużaw biss għall-kontroll dwar il-protezzjoni ta' *data* dwar l-ammissibbiltà tal-ipproċessar ta' *data*, kif ukoll sabiex jiżguraw is-sigurtà tad-*data* taħt l-Artikolu 34. Ir-reġistrazzjonijiet għandhom ikunu protetti b'miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jiġu mħassra wara perjodu ta' sena wara li l-perjodu tal-ħżin imsemmi fl-Artikolu ⇨ 17 ⇦ ~~12 (1) u l-Artikolu 16(1)~~ ikun skada, jekk ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' kontroll li jkunu diġà bdew.

3. Għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1))(a) and (b), kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jilħaq l-għanijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tas-sistema nazzjonali tiegħu. Minbarra dan, kull Stat Membru għandu jżomm reġistri tal-persunal debitament awtorizzat li jdaħħal u jikseb id-*data*.

Artikolu ~~29~~ 30

Drittijiet ⌦ ta' informazzjoni ⌫ tas-suġġett tad-*data*

1. Persuna koperta bl-Artikolu ~~9~~ 10(1), l-Artikolu ~~14~~ 13(1) jew l-Artikolu ~~17~~ 14(1) għandha tkun infurmata mill-Istat Membru ta' oriġini bil-miktub, u fejn meħtieġ, oralment, b'lingwa li hija tifhem jew li hija raġonevolment preżunta li tifhem ⇨ b'mod konċiż, trasparenti, intelliġibbli u forma faċilment aċċessibbli, billi tuża lingwa sempliċi u ċara ⇦ , dwar dan li ġej:

> (a) l-identità tal-kontrollur fis-sens tal-Artikolu ~~2(d)~~ tad-Direttiva [../../UE]~~95/46/KE~~ u tar-rappreżentant tiegħu, jekk ikun hemm ⇨ u d-dettalji tal-kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* ⇦ ;

(b) l-għan li għalih id-*data* tal-persuna se tkun ipproċessata fil-Eurodac, inkluża deskrizzjoni tal-għanijiet tar-Regolament (UE) Nru […/…] ~~604/2013~~, taħt ⇨ l-Artikolu 6 ⇦ tiegħu, u spjegazzjoni, f'forma komprensibbli, ~~bl-użu ta' lingwa ċara u sempliċi,~~ tal-fatt li l-Eurodac jista' jsir aċċess għalih mill-Istati Membri u mill-Europol għal finijiet ta' infurzar tal-liġi;

(c) ir-reċipjenti ⇨ jew kategoriji ta' reċipjenti ⇦ tad-*data*;

(d) għal dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu ~~9~~ 10(1) jew ~~14~~ 13(1) ⇨ jew 14(1) ⇦ l-obbligu li jitteħdulha l-marki tas-swaba';

⇩ ġdid

(e) il-perjodu li għalih id-*data* tiġi maħżuna skont l-Artikolu 17;

🡻 603/2013 (adattat)
⇨ ġdid

(~~e~~f) ⌦ l-eżistenza tad- ⌫ dritt ⇨ li ssir talba mill-kontrollur għal ⇦ aċċess għal *data* relatata magħha u d-dritt li persuna titlob li *data* mhux eżatta dwarha tiġi ~~korretta~~ ⌦ rettifikata ⌫ ⇨ u li timla *data* persunali mhux kompluta ⇦ jew li *data* ⌦ personali ⌫ proċessata illegalment dwarha titħassar, kif ukoll id-dritt li tirċievi informazzjoni dwar il-proċeduri għal eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet, inkluż id-dettalji ta' kuntatt tal-kontrollur u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza ~~nazzjonali~~ msemmija fl-Artikolu ~~30~~ 32(1)~~.~~;

⇩ ġdid

(g) id-dritt li tagħmel ilment lill-awtorità superviżorja.

🡻 603/2013 (adattat)
⇨ ġdid

2. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu ~~9~~ 10(1) jew ~~14~~ 13(1) ⇨ u 14(1) ⇦ , l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pprovduta fil-ħin meta jittieħdu l-marki tas-swaba' tagħha.

~~Għal dak li għandu x'jaqsam ma' persuna koperta bl-Artikolu 17(1), l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tingħata mhux aktar tard mill-ħin meta d-data li jkollha x'taqsam ma' dik il-persuna tiġi trażmessa lis-Sistema Ċentrali. Dak l-obbligu m'għandux japplika fejn l-għoti ta' dik l-informazzjoni jirriżulta impossibbli jew ikun jinvolvi sforz sproporzjonat.~~

Artikolu 29(1) sa (e)	Artikolu 30 (1) sa (e)
-	Artikolu 30(1)(f)
-	Artikolu 30(1)(g)
Artikolu 29(2)	Artikolu 30(2)
Artikolu 29(3)	Artikolu 30(3)
Artikolu 29(4) sa (15)	-
-	Artikolu 31(1)
-	Artikolu 31(2)
-	Artikolu 31(3)
-	Artikolu 31(4)
-	Artikolu 31(5)
-	Artikolu 31(6)

-	Artikolu 31(7)
-	Artikolu 31(8)
Artikolu 30	Artikolu 32
Artikolu 31	Artikolu 33
Artikolu 32	Artikolu 34
Artikolu 33(1)	Artikolu 35(1)
Artikolu 33(2)	Artikolu 35(2)
Artikolu 33(3)	Artikolu 35(3)
Artikolu 33(4)	Artikolu 35(4)
Artikolu 33(5)	-
Artikolu 34(1)	Artikolu 36(1)
Artikolu 34(2)(a) sa (k)	Artikolu 36(2)(a) sa (k)
-	Artikolu 36(2)(1) sa (n)
Artikolu 34(3)	Artikolu 36(3)
Artikolu 34(4)	Artikolu 36(4)
Artikolu 35(1)	Artikolu 37(1)
Artikolu 35(2)	Artikolu 37(2)
Artikolu 35(3)	Artikolu 37(3)
-	Artikolu 37(4)
-	Artikolu 38(1)
-	Artikolu 38(2)
-	Artikolu 38(3)
Artikolu 36(1)	Artikolu 39(1)
Artikolu 36(2)(a) sa (h)	Artikolu 39(2)(a) sa (h)
Artikolu 36(3)	Artikolu 39(3)
Artikolu 37	Artikolu 40
Artikolu 38	-
Artikolu 39	Artikolu 41

Artikolu 40(1)	Artikolu 42(1)
Artikolu 40(2)	Artikolu 42(2)
Artikolu 40(3)	Artikolu 42(3)
Artikolu 40(4)	Artikolu 42(4)
Artikolu 40(5)	Artikolu 42(5)
Artikolu 40(6)	Artikolu 42(6)
Artikolu 40(7)	Artikolu 42(7)
Artikolu 40(8)	Artikolu 42(8)
-	Artikolu 42(9)
Artikolu 41	Artikolu 43
Artikolu 42	Artikolu 44
Artikolu 43	Artikolu 45
Artikolu 44	-
Artikolu 45	Artikolu 46
Artikolu 46	Artikolu 47
Anness I	Anness I
Anness II	-
Anness III	Anness II

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. It-titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-EURODAC għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013] li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, għall-idenifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjedu illegalment dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-EURODAC mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulat)

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM / ABB[46]

Il-qasam tal-politika: Il-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (it-titolu 18)

Attività: Ażil u Migrazzjoni

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja**[47]

☒ Il-proposta / l-inizjattiva hi marbuta **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. Għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / tal-inizjattiva

Fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (COM(2015) 240 final), il-Kummissjoni ħabbret li hija se jkollha tevalwa s-sistema ta' Dublin u tiddetermina jekk reviżjoni tal-parametri legali ta' Dublin se tkunx meħtieġa biex tintlaħaq distribuzzjoni aktar ġusta ta' dawk li qed ifittxu l-ażil fl-Ewropa. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tqis il-possibbiltà li żżid aktar identifikaturi bijometriċi għall-EURODAC, bħax-xbiha tal-wiċċ u l-użu ta' software għar-rikonoxximent tal-wiċċ.

Il-kriżi tar-refuġjati kixef dgħjufijiet strutturali sinifikanti u nuqqasijiet fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-ażil u l-migrazzjoni, inklużi sistemi ta' Dublin u l-EURODAC, li wasslu għal talbiet għal riforma.

Fis-6 ta' April, fil-Komunikazzjoni tagħha "Lejn Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u titjib legali ta' migrazzjoni lejn l-Ewropa" (COM(2016) 197 final) il-Kummissjoni kkunsidrat bħala prijorità biex tippreżenta riforma tar-Regolament ta' Dublin u tistabbilixxi sistema sostenibbli u ġusta biex tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal dawk li jfittxu ażil li jassiguraw grad għoli ta' solidarjetà u qsim ġust tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri billi tipproponi mekkaniżmu korrettiv.

[46] ABM: immaniġġar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
[47] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Bħala parti minn dan, il-Kummissjoni qieset li l-EURODAC jinħtieġ li jissaħħaħ biex jirrifletti l-bidliet tal-mekkaniżmu ta' Dublin u biex jiżgura li jkompli jipprovdi evidenza ta' marki tas-swaba' li għandu bżonn biex jaħdem. Ġie kkunsidrat ukoll li l-EURODAC jista' jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari billi jaħżen *data* dwar il-marki tas-swaba' skont il-kategoriji kollha u li jippermetti li jsiru paraguni mad-*data* kollha maħżuna għal dan il-għan.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM / ABB ikkonċernati

DĠ HOME AMP Objettiv speċifiku Nru 1: It-tisħiħ u l-iżvilupp tal-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha.

Attività(jiet) ABM / ABB ikkonċernati: Attività 18 03: Ażil u Migrazzjoni.

Objettiv speċifiku Nru 1: Evoluzzjoni tas-sistema funzjonali tal-EURODAC

Objettiv speċifiku Nru 2: Titjib tal-kapaċità ta' *data* tal-EURODAC

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta / l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji / il-gruppi fil-mira.

Il-proposta se jkollha l-għan li ttejjeb l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari fl-UE, kif ukoll biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin rivedut billi tipprovdi evidenza dwar il-marki tas-swaba' sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Din il-proposta għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri li jiżguraw li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jkollhom l-applikazzjoni tagħhom eżaminata minn Stat Membru wieħed u tnaqqas l-ambitu ta' abbuż tas-sistema tal-ażil billi tiskoraġġixxi li qieħed joqgħod iqabbel fejn jaqbillu japplika għall-ażil fl-UE.

L-Istati Membri jibbenefikaw ukoll milli jkunu jistgħu jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi irregolari residenti fl-UE illegalment billi jaħżnu d-*data* personali tagħhom u jkun hemm indikat l-ewwel pajjiż li permezz tiegħu jkunu daħlu jew fejn dawn setgħu wkoll kienu qed jirrisjedu illegalment. L-informazzjoni maħżuna fil-livell tal-UE tgħin ukoll lill-Istat Membru biex jerġa' joħroġ dokument lil ċittadin ta' pajjiż terz bil-għan li eventwalment jirritornahom lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom jew f'pajjiż terz li fih jerġgħu jiġu ammessi.

Bosta applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu b'mod irregolari fl-Unjoni Ewropea jivvjaġġaw bil-familja u f'ħafna każijiet bi tfal żgħar ħafna. Il-kapaċità li jiġu identifikati dawn it-tfal bl-għajnuna tax-xbiha tal-wiċċ u l-marki tas-swaba' jgħin għall-identifikazzjoni tagħhom f'każijiet fejn jiġu separati mill-familji tagħhom billi jippermetti lill-Istat Membru biex isegwi linja ta' inkjesta fejn il-marki tas-swaba' jaqblu, li jindika li huma kienu preżenti fi Stat Membru ieħor. Hija se ssaħħaħ ukoll il-protezzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati li mhux dejjem formalment ifittxu protezzjoni internazzjonali u li jaħarbu minn istituzzjonijiet ta' kura tat-tfal jew servizzi soċjali li lilhom tkun ġiet assenjata l-kura tagħhom. Bil-programm ta' qafas legali u tekniku l-identità tagħhom ma tistax tiġi stabbilita. B'hekk is-sistema EURODAC tista' tintuża biex tirreġistra tfal li ġejjin minn pajjiżi terzi meta dawn ikunu nstabu bla dokumenti fl-UE biex jgħin ħalli jiġu segwiti u jiġi evitat li jispiċċaw f'xenarji ta' sfruttament.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

<u>Matul l-immodernizzar tas-Sistema Ċentrali</u>

Wara l-approvazzjoni tal-abbozz tal-proposta u l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi s-Sistema Ċentrali tal-EURODAC riformulata se tkun aġġornata f'termini ta' kapaċità għat-trażmissjoni mill-Punti ta' Aċċess Nazzjonali tal-Istati Membri. eu-LISA se tikkoordina l-ġestjoni tal-proġett ta' mmodernizzar tas-Sistema Ċentrali u s-sistemi nazzjonali fil-livell tal-UE u l-integrazzjoni ta' Interface Nazzjonali Uniformi (National Uniform Interface, NUI) mwettqa mill-Istati Membri fuq livell nazzjonali.

Għan Speċifiku: Tlestija tal-operazzjonijiet meta r-Regolament ta' Dublin emendat jibda jopera.

Indikatur: Sabiex tkun tista' tibda taħdem, eu-LISA nnotifikat it-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv tas-Sistema Ċentrali tal-EURODAC li se jsir mill-Aġenzija flimkien mal-Istati Membri.

<u>Ladarba s-Sistema Ċentrali tkun operazzjonali</u>

Ladarba s-sistema tal-EURODAC tkun operazzjonali eu-LISA għandha tiżgura li hemm sistemi fis-seħħ sabiex jimmonitorjaw il-funzjonament tas-sistema kontra l-objettivi. Fl-aħħar ta' kull sena eu-LISA għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali, inkluż dwar il-funzjonament tekniku tagħha u s-sigurtà. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-EURODAC skont indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel għall-għanijiet tagħha.

Sal-2020, eu-LISA għandha twettaq studju dwar il-fattibbiltà teknika li żżid software ta' rikonoxximent tal-wiċċ fis-Sistema Ċentrali, li jiżgura riżultati kredibbli u preċiżi wara paragun tad-*data* tax-xbiha tal-wiċċ.

Sal-20 ta’ Lulju 2018 u kull erba’ snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni ġenerali tal-EURODAC, billi teżamina r-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet, u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż jekk l-aċċess għall-infurzar tal-liġi wassalx għal diskriminazzjoni indiretta kontra persuni koperti b'dan ir-Regolament, u tagħmel stima dwar il-validità kontinwata tar-raġunijiet bażiċi li għalihom ġie mwaqqaf, u kull implikazzjoni għal ħidmiet fil-futur, u għandha tagħmel kull rakkomandazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Kull Stat Membru u l-Europol għandhom jippreparaw rapporti annwali dwar l-effettività tat-tqabbil tad-*data* tal-marki tas-swaba’ mad-*data* tal-EURODAC għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li jkun fihom statistiċi dwar in-numru ta’ talbiet u hits riċevuti.

1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

(1) Id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont il-proposta tar-Regolament ta’ Dublin emendat.

(2) Kontroll tal-identità ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi irregolari lejn u fl-UE għal skopijiet ta’ ritorn u d-dokumentazzjoni mill-ġdid u l-identifikazzjoni taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi vulnerabbli bħal tfal li ta’ spiss jisfaw vittmi ta’ traffikar.

(3) Il-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali, it-terroriżmu u theddid ieħor għas-sigurtà hija msaħħa.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-ebda Stat Membru waħdu ma huwa kapaċi jlaħħaq mal-immigrazzjoni irregolari, waħdu jew jittratta l-applikazzjonijiet għall-ażil kollha magħmula fl-UE. Kif wieħed seta' jara fl-UE għal bosta snin, persuna tista’ tikseb id-dħul fl-UE mill-fruntieri esterni, iżda mhux tiddikjara lilha nfisha f’ċerti stabbilimenti ta’ punt ta’ qsim tal-fruntiera. Dan kien il-każ b’mod partikolari fl-2015-2014 meta aktar minn miljun migrant irregolari waslu fl-UE permezz ta’ rotot tal-Mediterraean Ċentrali u tan-Nofsinhar. Bl-istess mod, fl-2015 kien hemm ċaqliq ulterjuri minn dawk il-pajjiżi li jinsabu fil-fruntieri esterni lejn Stati Membri oħra. Il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tal-UE u proċeduri bħall-proċedura ta’ Dublin għalhekk ma jistax isir mill-Istati Membri meta jaġixxu waħedhom. F'żona mingħajr fruntieri interni, l-azzjoni kontra l-immigrazzjoni irregolari għandha tittieħed fuq bażi komuni. Meta jitqies dan kollu, l-UE qiegħda f 'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tieħu l-miżuri xierqa.

L-użu tat-tliet sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira tal-UE (SIS, VIS u EURODAC) jagħti benefiċċji lill-ġestjoni tal-fruntieri. Informazzjoni aħjar dwar movimenti transfruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq livell tal-UE tiddefinixxi bażi fattwali sabiex tgħin tiġi żviluppata u adattata l-politika tal-migrazzjoni tal-UE. Għalhekk, emenda tar-Regolament EURODAC hi meħtieġa wkoll sabiex jiġi miżjud skop addizzjonali magħha, jiġifieri li tħalli aċċess għall-finijiet biex tiġi kkontrollata l-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji ta' migranti irregolari fl-UE. Dan l-għan ma jistax jiġi miksub suffiċjentement mill-Istati Membri waħedhom, peress li emenda bħal din tista' biss tiġi proposta mill-Kummissjoni.

1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

It-tagħlimiet ewlenin meħuda mill-aġġornament tas-Sistema Ċentrali wara l-adozzjoni tal-ewwel Regolament EURODAC riformulat[48] kienet l-importanza tal-ġestjoni bikrija tal-proġett mill-Istati Membri u l-iżgurar li l-proġett ta' titjib nazzjonali ta' konnessjoni kien ġestit kontra miri li jridu jintlaħqu. Għalkemm skeda tal-ġestjoni tal-proġetti riġida ġiet stabbilita minn eu-LISA kemm għal titjib fis-Sistema Ċentrali kif ukoll għal konnessjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri, numru ta' Stati Membri naqsu jew irriskjaw li jiġu konnessi mas-Sistema Ċentrali sal-20 ta' Lulju 2015 (sentejn wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament).

Fil-workshop dwar it-tagħlimiet miksuba wara l-aġġornament tas-Sistema Ċentrali fl-2015, l-Istati Membri nnutaw ukoll li kienet meħtieġa fażi ta' tnedija għall-aġġornament li jmiss tas-Sistema Ċentrali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmaniġġaw il-konnessjoni mas-Sistema Ċentrali fil-ħin.

Instabu soluzzjonijiet alternattivi għal dawk l-Istati Membri li kienu tard biex jikkonnettjaw mas-Sistema Ċentrali fl-2015. Dawn inkludew eu-LISA li tislef is-soluzzjoni ta' Punt Nazzjonali ta' Aċċess / Trasmissjoni tal-Immaġini tal-Marki tas-Swaba' (National Access Point, NAP / Fingerprint Image Transmission, FIT) lil Stat Membru wieħed li kien użat għal simulazzjonijiet ta' ttestjar mill-Aġenzija, peress li l-Istat Membru inkwistjoni naqas milli jassigura l-finanzjament meħtieġ biex jibda l-proċedura ta' akkwist tiegħu ftit wara l-adozzjoni tar-Regolament EURODAC. Żewġ Stati Membri oħra kellhom jirrikorru għall-użu ta' soluzzjoni "in-house" għall-konnessjoni tagħhom qabel ma jinstallaw is-soluzzjonijiet ta' akkwist tagħhom NAP / FIT.

L-użu ta' Qafas Kuntrattwali li jipprovdi funzjonalitajiet u l-provvista ta' servizzi ta' manutenzjoni għas-sistema EURODAC ġiet stabbilita minn eu-LISA u Kuntrattur estern. Ħafna Stati Membri użaw dan il-kuntratt qafas bil-għan li jiksbu soluzzjoni standardizzata NAP / FIT, li tqieset li għamlu tfaddil u evitaw il-ħtieġa għal proċeduri ta' akkwist nazzjonali. Kuntratt qafas ta' dan it-tip għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid għal titjib futur.

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Din il-proposta għandha titqies bħala parti mill-iżvilupp kontinwu tar-Regolament ta' Dublin[49], il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Dwar Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u Tisħiħ tat-Toroq Legali lejn l-Ewropa"[50], u b'mod partikolari l-

[48] ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1

[49] Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulat). ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31.

[50] COM(2016) 197 final.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi tal-Informazzjoni aktar b'Saħħithom u aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u għas-Sigurtà[51], kif ukoll flimkien mal-fruntieri ISF[52], bħala parti mill-QFP u t-twaqqif tar-Regolament eu-LISA[53].

Fil-Kummissjoni, id-DĠ HOME huwa d-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-istabbiliment tal-EURODAC.

[51] COM(2016) 205 final.

[52] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE, ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143.

[53] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-Artikolu 1.3 "L-Aġenzija tista' wkoll issir responsabbli għat-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja barra minn dawk imsemmija fil-paragrafu 2, biss jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti..." ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1–17

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta / inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☐ Proposta / inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn YYYY sa YYYY

☒ Proposta / inizjattiva **b'tul ta' żmien bla limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2017 sal-2020,

– u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[54]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz

– ☒ tad-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu ddelegati lil:

☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

☒ korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209;

☐ korpi tal-liġi pubblika;

☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Il-Kummissjoni tkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-azzjoni u eu-LISA tkun responsabbli għall-iżvilupp, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema.

[54] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit web tal-BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-Sistema tal-EURODAC huma previsti fl-Artikolu 40 tal-proposta:

Rapport annwali: monitoraġġ u evalwazzjoni

1. eu-LISA għandha tippreżenta rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, inkluż dwar il-funzjonament u s-sigurtà tagħha. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-EURODAC skont indikaturi kwantitattivi definiti minn qabel għall-għanijiet imsemmijin fil-paragrafu 2.

2. eu-LISA għandha tiżgura li jkunu stabbiliti proċeduri sabiex jimmonitorjaw il-funzjonament tas-Sistema Ċentrali skont l-għanijiet relatati mal-output, l-effettività fil-konfront tal-ispejjeż magħmula u l-kwalità ta' servizz.

3. Għall-finijiet tal-manutenzjoni teknika, ir-rappurtar u l-istatistika, eu-LISA għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni meħtieġa relatata mal-operazzjonijiet tal-ipproċessar magħmula fis-Sistema Ċentrali.

3a. Sal-2020, eu-LISA għandha tagħmel studju dwar il-fattibbiltà teknika li żżid software ta' rikonoxximent tal-wiċċ fis-Sistema Ċentrali, għall-finijiet ta' paragun tal-immaġini tal-wiċċ. L-istudju għandu jevalwa l-kredibbiltà u l-preċiżjoni tar-riżultati prodotti minn software tar-rikonoxximent tal-wiċċ għal skopijiet tal-EURODAC u għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa qabel l-introduzzjoni tat-teknoloġija tal-għarfien tal-wiċċ lis-Sistema Ċentrali.

4. Sa XX/XX/XX u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni ġenerali tal-EURODAC, billi teżamina r-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet, u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, inkluż jekk l-aċċess għall-infurzar tal-liġi wassalx għal diskriminazzjoni indiretta kontra persuni koperti b'dan ir-Regolament, u tagħmel stima dwar il-validità kontinwata tar-raġunijiet bażiċi li għalihom ġie mwaqqaf, u kull implikazzjoni għal ħidmiet fil-futur, u għandha tagħmel kull rakkomandazzjoni meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lil eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex ifasslu r-rapport annwali msemmi fil-paragrafi 1.

6. eu-LISA, l-Istati Membri u l-Europol għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa biex jitfasslu r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Din l-informazzjoni ma għandhiex tippreġudika l-metodi ta' ħidma u lanqas tinkludi informazzjoni li tiżvela s-sorsi, il-membri tal-persunal jew investigazzjonijiet tal-awtoritajiet maħtura.

7. Filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva, kull Stat Membru u l-Europol għandhom jippreparaw rapporti annwali dwar l-effettività tat-tqabbil tad-*data* tal-marki tas-swaba' mad-*data* tal-EURODAC għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li jkun fihom informazzjoni u statistika dwar:

— l-iskop preċiż tat-tqabbil, inkluż it-tip ta' reat terroristiku jew reat kriminali serju,

— ir-raġunijiet mogħtija għal suspett raġjonevoli,

— ir-raġunijiet raġjonevoli mogħtija biex ma jsirx tqabbil ma’ Stati Membri oħra skont id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, f’konformità mal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament,

— in-numru ta' talbiet għal tqabbil,

— in-numru u t-tip ta' każijiet li rriżultaw f'identifikazzjonijiet pożittivi, u

— il-ħtieġa u l-użu tal-każ eċċezzjonali ta’ urġenza, inklużi dawk il-każijiet fejn l-urġenza ma ġietx aċċettata mill-verifika *ex post* magħmula mill-awtorità tal-verifika.

Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni sat-30 ta’ Ġunju tas-sena ta’ wara.

8. Abbażi tar-rapporti annwali tal-Istati Membri u tal-Europol previsti fil-paragrafu 7 u b’żieda mal-valutazzjoni ġenerali prevista fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport annwali dwar l-aċċess tal-infurzar tal-liġi għall-EURODAC u għandha tittrażmettih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Ir-riskji li ġejjin huma identifikati.

1) Diffikultajiet għal eu-LISA biex tmexxi l-iżvilupp ta’ sistema b’mod parallel għal żvilupp relatat ma’ sistemi oħrajn aktar ikkomplikati (is-sistema ta’ Dħul-Ħruġ, l-AFIS għas-SIS II, il-VIS,...) li jseħħu matul l-istess perjodu.

2) L-aġġornament tal-EURODAC jeħtieġ li jiġi integrat ma’ sistemi tal-IT nazzjonali li jeħtieġ li jkunu kompletament allinjati mar-rekwiżiti ċentrali. Id-diskussjonijiet mal-Istati Membri biex jiżguraw uniformità fl-użu tas-sistema jistgħu jintroduċu dewmien fl-iżvilupp.

2.2.2. Metodu/i ta’ kontroll previst(i)

Il-kontijiet tal-Aġenzija jiġu sottomessi għall-approvazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri u soġġetti għall-proċedura ta’ kwittanza. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni jagħmel awditjar f’kooperazzjoni mal-awditur intern tal-Aġenzija.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-miżuri previsti kontra l-frodi huma stipulati fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 1077/2011 li jipprovdi kif ġej:

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, japplika r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

2. L-Aġenzija tkun parti mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) u mingħajr dewmien, toħroġ id-dispożizzjonijiet adatti applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.

3. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehimiet ta’ implimentazzjoni u l-istrumenti li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu jagħmlu, jekk meħtieġ, kontrolli fil-post fost dawk li jirċievu finanzjament mill-Aġenzija u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tagħha.

Skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li tikkonċerna t-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni b'relazzjoni mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali detrimentali għall-interessi tal-Unjoni kienet adottata fit-28 ta’ Ġunju 2012.

Tapplika l-istrateġija għall-prevenzjoni u l-kxif ta’ frodi ta' DG HOME.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta'nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 3 - Sigurtà u Ċittadinanza	Diff./Mhux diff.[55]	mill-pajjiżi tal-EFTA[56]	mill-pajjiżi kandidati[57]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	18.0303 – Bażi tad-*data* tal-marki tas-swaba' (EURODAC)	Diff.	LE	LE	LE	LE
3	18.0207 – Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)	Diff.	LE	LE	IVA*	LE

* eu-Lisa tirċievi kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati mal-Ftehim ta' Schengen (NO, IS, CH, LI)

55 Diff, = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati
56 L-EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
57 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarjupluriennali	3	Sigurtà u Ċittadinanza

eu-LISA			Sena2 017[58]	Sena2 018	Sena2 019	Sena2 020	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal	Impenji	(1)	0,268	0,268	0,268	0,268				**1,072**
	Pagamenti	(2)	0,268	0,268	0,268	0,268				**1,072**
Titolu 2: Nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat	Impenji	(1a)	0	0	0	0				**0**
	Pagamenti	(2a)	0	0	0	0				**0**
Titolu 3: Nefqa operazzjonali *	Impenji	(3a)	11,330	11,870	5,600	0				**28,800**
	Pagamenti	(3b)	7,931	8,309	3,920	8,640				**28,800**
TOTAL tal-approprjazzjonijietgħal eu-LISA	Impenji	=1+1a +3a	11,598	12,138	5,868	0,268				**29,872**
	Pagamenti	=2+2a +3b	8,199	8,577	4,188	8,908				**29,872**

* Il-valutazzjoni tal-impatt imwettqa minn eu-LISA tipprevedi żieda kontinwa fir-rati tat-traffiku bħal fl-aħħar xhur tal-2015 qabel l-għeluq tal-fruntiera tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent.

* L-ispejjeż potenzjali għall-aġġornament u loperat tas-sistema DubliNet huma inklużi fit-Titolu 3 total.

[58] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: Migrazzjoni u Affarijiet Interni									
• Riżorsi Umani		0,402	0,402	0,402	0,402				**1,608**
• Infiq amministrattiv ieħor									
TOTAL DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni	Approprjazzjonijiet	0,402	0,402	0,402	0,402				**1,608**

TOTAL tal-approprjazzjonijiettaħt l-INTESTATURA 5tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0,402	0,402	0,402	0,402				**1,608**

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

		Sena 2017[59]	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiettaħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	12,000	12,540	6,270	0,670				**31,480**
	Pagamenti	8,601	8,979	4,590	9,310				**31,480**

59 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

Ma hemm l-ebda spejjeż relatati mal-Europol għaliex il-Europol jaċċessa l-EURODAC permezz tal-Interface Nazzjonali tan-Netherlands għall-EURODAC.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' eu-LISA*

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (sat-tielet punt deċimali)

Semmi l-għanijiet u r-riżultati ⇩			Sena **2017**		Sena **2018**		Sena **2019**		Sena **2020**		Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL**	
	IR-RIŻULTATI																	
	Tip[60]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1[61] L-iżvilupp tas-sistema funzjonali tal-EURODAC																		
- Riżultat	Kuntrattur *			0,130		0,670		0		0								0,800
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1				0,130		0,670		0		0								0,800
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 L-iżvilupp tal-kapaċità tal-bażi ta' *data* tal-EURODAC																		
- Riżultat	Hardware, Software **			11,200		11,200		5,600		0								28,000
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2				11,200		11,200		5,600		0								28,000

60 Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu fornuti (pereżempju: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' kilometri ta' toroq li nbnew, eċċ).

61 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/ċi ...”

KOST TOTALI		11,330		11,870		5,600		0								28,800

* L-ispejjeż kuntrattwali kollha għall-aġġornamenti funzjonali huma maqsuma bejn l-ewwel sentejn bl-akbar parti tal-baġit fit-tieni sena (wara l-aċċettazzjoni)

** Pagamenti tal-kapaċità huma maqsuma fi tliet snin bħala 40 %, 40 %, 20 %

3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani ta' eu-LISA

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena**2017** [62]	Sena**2018**	Sena**2019**	Sena**2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
Uffiċjali (Gradi AD)	0,268	0,268	0,268	0,268				**1,072**
Uffiċjali (Gradi AST)								
Persunal b'kuntratt								
Persunal temporanju								
Esperti Nazzjonali Sekondati								
TOTAL	0,268	0,268	0,268	0,268				**1,072**

Impatt stmat fuq persunal (FTE addizzjonali) — pjan ta’ stabbiliment ta’ eu-LISA

Postijiet (tabella tal-persunal)	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**
Xenarju Bażi - Komunikazzjoni[63]	115	113	113	113
Postijiet addizzjonali	2	2	2	2
Postijiet addizzjonali EES	14	14	14	14
Total	131	129	129	129

[62] Is-sena 2017 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

[63] COM(2013) 519 finali. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - L-ipprogrammar ta’ riżorsi umani u finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati 2014-2020.

Ir-reklutaġġ huwa ppjanat għal Jannar 2017. Il-persunal kollu jrid ikun disponibbli mill-bidu tal-2017 sabiex jippermetti li jibda l-iżvilupp fi żmien xieraq bil-ħsieb li jiġi żgurat dħul f'operazzjonijiet tal-EURODAC fl-2017. Iż-żewġ (2) aġenti temporanji (Temporary Agents, TAs) huma meħtieġa biex ikopru l-ħtiġijiet kemm għall-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll għall-appoġġ operazzjonali u manutenzjoni wara l-iskjerament mal-produzzjoni. Dawn ir-riżorsi se jintużaw:

- Biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-proġetti bħala membri tat-tim tal-proġett, inklużi l-attivitajiet bħal: id-definizzjoni ta' rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi, il-kooperazzjoni u l-appoġġ lill-Istati Membri matul l-implimentazzjoni, l-aġġornament tad-Dokument ta' Kontroll tal-Interface (Interface Control Document, ICD), is-segwitu tal-kunsinni kuntrattwali, l-attivitajiet ta' ttestjar tal-proġett (inkluża l-koordinazzjoni tat-testijiet tal-Istati Membri, it-twassil tad-dokumentazzjoni u l-aġġornamenti eċċ.
- Attivitajiet li jappoġġaw tranżizzjoni għat-tqegħid tas-sistema f'operazzjonijiet f'koperazzjoni mal-kuntrattur (rilaxxi ta' segwitu, aġġornamenti tal-proċess operazzjonali, taħriġ (inklużi attivitajiet ta' taħriġ tal-Istati Membri) eċċ.
- Biex jiġu appoġġati attivitajiet fit-tul, definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet, tħejjijiet kuntrattwali f'każ li jkun hemm it-tfassil mill-ġdid tas-sistema (pereż. minħabba r-rikonoxximent tal-immaġini) jew fil-każ tal-kuntratt il-ġdid tal-EURODAC Maintenance in Working Order (MWO), se jeħtieġ li jiġu emendati biex ikopru bidliet addizzjonali (minn perspettiva teknika u baġitarja)
- Biex jiġi inforzat l-appoġġ tat-tieni livell wara d-Dħul fis-Seħħ (Entry into Operation, EiO), matul il-manutenzjoni u l-operazzjonijiet kontinwi.

Għandu jiġi nnotat li ż-żewġ riżorsi l-ġodda (FTE TA) se jaġixxu fuq il-kapaċitajiet interni ta' tim li se jiġu wkoll utilizzati għall-proġett / kuntratt u segwitu finanzjarju / attivitajiet operazzjonali. L-użu ta' TAs se jipprovdi durata adegwata u kontinwità tal-kuntratti biex jiżguraw il-kontinwità tan-negozju u l-użu tal-istess persuni speċjalizzati għal attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali wara l-konklużjoni tal-proġett. Minbarra dan, l-attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali jeħtieġu aċċess għal ambjent ta' produzzjoni li ma jistgħux jiġu assenjati lil kuntratturi jew persunal estern.

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtiġx użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta / l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tingħata f'ammonti sħaħ (jew l-iżjed sa punt deċimali wieħed)

	Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
• **Postijiet tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)**								
18 01 01 01 (il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0,402	0,402	0,402	0,402				1,608

XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)								
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)								
10 01 05 01 (Riċerka diretta)								
• **Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għal full-time: FTE)**[64]								
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"finanzjament globali")								
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet)								
XX 01 04 ***yy***[65] - Fil-Kwartieri Ġenerali[66]								
XX 01 04 ***yy***[65] - Fid-delegazzjonijiet								
XX 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħra (speċifika)								
TOTAL	0,402	0,402	0,402	0,402				1,608

18 huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Diversi kompiti fir-rigward tal-EURODAC, pereżempju fil-kuntest ta' opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-programm annwali ta' ħidma u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu, sorveljanza tat-tħejjija tal-baġit tal-Aġenzija u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu, jassistu lill-Aġenzija fl-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha skont il-politiki tal-UE, inkluż billi jipparteċipaw f'laqgħat tal-esperti, eċċ.

64 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

65 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

66 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (il-FES).

Persunal estern	

Deskrizzjoni tal-kalkolu tal-ispiża għall-FTE jinħtieġ li tiġi inkluża fl-Anness V, it-Taqsima 3.

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☒ Il-proposta / l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali. ☐ Il-proposta / l-inizjattiva tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva tirrikjedi l-applikazzjoni tal-istrument ta’ flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju plurinennali[67].

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta’ terzi persuni

– ☒ Il-proposta / l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn terzi persuni.

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

	Sena**2017**	Sena**2018**	Sena**2019**	Sena**2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta’ kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

[67] Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ Il-proposta / l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☒ fuq dħul mixxellanju

EUR miljuni (sa tliet punti deċimali)

L-intestatura tad-dħul baġitarju:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta / tal-inizjattiva[68]						
		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)		
L-Artikolu ………….		0,492	0,516	0,243	0,536			

Għal dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i tan-nefqa baġitarja affettwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq l-introjtu.

Il-baġit għandu jinkludi kontribut mill-pajjiżi assoċjati mal-miżuri relatati mal-EURODAC kif stabbiliti fil-ftehimiet rispettivi *. L-estimi provduti huma purament indikattivi u huma bbażati fuq kalkoli reċenti għal dħul għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-EURODAC mill-Istati li jikkontribwixxu attwalment għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ħlasijiet ikkunsmati) somma annwali għas-sena finanzjarja relevanti, ikkalkolata skont il-prodott domestiku gross bħala perċentwal tal-prodott domestiku gross tal-Istati parteċipanti kollha. Il-kalkolu huwa bbażat fuq iċ-ċifri ta' Ġunju 2015 mill-EUROSTAT, li huma suġġetti għal varjazzjoni konsiderevoli skont il-qagħda ekonomika tal-Istati parteċipanti.

* Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażilju ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40)

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5).

Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39)

Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein għal Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar kriterji u mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għal eżami ta’ talba għall-ażil preżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (2006/0257 CNS, konkluż fl-24.10.2008, pubblikazzjoni fil-ĠU għada pendenti) u Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar kriterji u mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta’ talba għall-ażil preżentata fi Stat Membru, fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001).

[68] Fir-rigward ta’ riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta’ 25 % għal spejjeż ta’ ġbir.